**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 256/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Colin Sheldon)**
**(Spettur Clayton Camilleri)**

**Vs**

**Charlene Gatt**

**Illum 27 ta' Settembru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Charlene Gatt**, bint Mario u Anna neè Bartolo, imwielda Pietà fit-2 ta' Mejju 1985 u detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 254785(M), talli nhar l-4 ta' Mejju 2022 għall-ħabta ta' 00:45hrs, ġewwa Triq Testaferrata, Ta' Xbiex:

1. Mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' Tracey Borg f'periklu ċar, ikkaġunatilha ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, liema ħsara hija ta' natura gravi hekk kif ċertifikat minn Dr. Adriana Grech M.D. Reg. No. 4268, ġewwa d-Dipartiment ta' l-Emerġenza fl-Isptar Mater Dei, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 214, 216, 217 u 218 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ġarret il-barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew iniggeż, ta' liema xorta jkun, mingħajr ma kellha liċenza jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 6 tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkotanzi kisret il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'għajjat u bil-ġlied jew b'xi mod mhux imsemmi band' oħra fil-Kodiċi Kriminali, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi hebbet kontra l-persuna sabiex tinġurjaha, iddejjaqha jew tagħmel ħsara lil din il-persuna jew lill-ħaddieħor,

kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi u fiż-żminijiet ta' qabel, ġewwa l-Gżejjer Maltin, naqset milli tħares il-kondizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D., fid-Digriet tagħha tad-29 ta' Novembru 2018, li bih ingħatat il-ħelsien mill-arrest, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(1)(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi u fiż-żminijiet ta' qabel ġewwa l-Gżejjer Maltin, naqset milli tħares il-kondizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D., fid-Digriet tagħha tal-25 ta' Frar 2022, li bih ingħatat il-ħelsien mill-arrest, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(1)(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi u fiż-żminijiet ta' qabel ġewwa l-Gżejjer Maltin, naqset milli tħares il-kondizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Noel Bartolo LL.D., fid-Digriet tiegħu tat-22 ta' April 2022, li bih ingħatat il-ħelsien mill-arrest, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(1)(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Aktar talli fl-istess data, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2021, Onor. Imħallef Dr. Aaron Bugeja LL.D., ikkommettiet reat li għalih hemm piena ta' priġunerija, u dan bi skur ta' l-Artikolu 28B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. Aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, ikkommettiet reat waqt il-perijodu ta' Ordni għal Liberazzjoni Kondizzjonata, mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-24 ta' Frar 2022, Maġistrat Dr. Nadine Lia LL.D., u dan bi ksur ta' l-Artikolu 23 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta;

10. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi rrendiet ruħha reċediva ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tagħha mill-Qrati Maltin, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) f'każ ta' ħtija tikkundanna lil Charlene Gatt għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti jew Periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) tipprovdi għas-sigurtà ta' Tracey Borg u toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra Charlene Gatt ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurtà ta' Tracey Borg u l-familja tagħha ai termini ta' l-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (iv) tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputata ddikjarat li ma hijiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha[1];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "CS1" sa' Dok. "CS8" a fol. 12 sa' 26 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' Kevin Micallef mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Mejju 2022[2] u x-xhieda ta' l-Ispettur Colin Sheldon mogħtija waqt is-seduti tad-19 ta' Mejju 2022[3] u tat-30 ta' Mejju 2022[4] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "CSX1" sa' Dok. "CSX6" a fol. 52 sa' 88 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS2251 Sally Anne Felice[5] u ta' PC1422 Roderick Farrugia[6] mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Mejju 2022 u x-xhieda ta' l-Ispettur Jeffrey Scicluna[7] u ta' PS2242 Rodine Ghirxi[8] mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Ġunju 2022, semgħet ix-xhieda ta' Tracey Borg mogħtija waqt is-seduti tat-8 ta' Ġunju 2022[9] u tal-25 ta' Lulju 2023[10] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "TB1" u "TB2" a fol. 101 sa' 106 tal-proċess, semgħet ix-xhieda tat-Tabib Dr. Adriana Grech[11] u x-xhieda ta' Stephania Calafato Testa[12], Assistent Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali, mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Lulju 2022 u rat id-dokumenti esebiti minn Stephania Calafato Testa markati Dok. "SCT1" sa' Dok. "SCT3" a fol. 135 sa' 142 tal-proċess, rat l-affidavit ta' PS772 Dionysius sive Dennis Agius u d-dokument anness miegħu markati Dok. "DA" u Dok. "DA1" a fol. 131 u 132 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS2293 Michelle Camilleri[13] u ta' l-Ispettur Clayton Camilleri[14] mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Settembru 2023 u rat ir-rapport ta' PS2293 Michelle Camilleri markat Dok. "MM" a fol. 150 sa' 173 tal-proċess u semgħet ix-xhieda ta' Dr. David Sladden mogħtija waqt is-seduta tad-29 ta' Settembru 2022[15];

Rat li b'Digriet datat 18 ta' Lulju 2022 ġie nominat it-Tabib Dr. Mario Scerri bħala Espert Mediku sabiex jeżamina l-ġrieħi ta' Tracey Borg u jirrelata dwar il-permanenza u serjetà ta' l-istess għall-finijiet ta' l-Artikolu 218 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, madanakollu però l-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha mingħajr ma ħarrket lill-imsemmi Espert Mediku sabiex jixhed u jippreżenta r-Relazzjoni tiegħu;

---

[1] Fol. 11 tal-proċess.

[2] Fol. 37 sa' 41 tal-proċess.

[3] Fol. 42 sa' 44 tal-proċess.

[4] Fol. 50 u 51 tal-proċess.

[5] Fol. 46 u 47 tal-proċess.

[6] Fol. 48 u 49 tal-proċess.

[7] Fol. 91 sa' 93 tal-proċess.

[8] Fol. 94 u 95 tal-proċess.

[9] Fol. 96 sa' 100 tal-proċess.

[10] Fol. 217 sa' 224 tal-proċess.

[11] Fol. 128 sa' 130 tal-proċess.

[12] Fol. 133 u 134 tal-proċess.

[13] Fol. 147 sa' 149 tal-proċess.

[14] Fol. 174 u 176 tal-proċess.

[15] Fol. 180 sa' 182 tal-proċess.

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 4 ta' Ottubru 2022[16] permezz ta' liema bagħat lill-imputata sabiex tiġi ġġudikata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 214, 215, 216, 217, 218 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 6 u 51(7) ta' l-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 579(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li waqt is-seduta tas-27 ta' Ottubru 2022[17] il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u l-imputata ddikjarat li ma għandhiex oġġezzjoni li il-każ tagħha jiġi trattat bi proċedura sommarja; Inqraw l-Artikoli;

Rat is-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Charlene Gatt" deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-4 ta' Ottubru 2022[18];

Rat li b'Digriet datat 25 ta' Lulju 2023[19], ġie nominat il-Psikjatra Dr. Joseph Cassar bħala Espert Psikjatra sabiex jevalwa u jirrelata dwar l-istat psikjatriku ta' l-imputata;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Psikjatra Dr. Joseph Cassar mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Settembru 2023[20] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "JC" a fol. 237 sa' 241 tal-proċess;

Rat li fis-seduta ta' l-4 ta' Diċembru 2023[21], id-Difiża ddikjarat li ma hemmx iktar provi x'jitressqu u l-imputata għażlet li ma tixhidx f'dawn il-proċeduri;

Semgħet is-sottomissjonijiet finali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

---

[16] Fol. 184 tal-proċess.

[17] Fol. 186 tal-proċess.

[18] Fol. 189 sa' 198 tal-proċess.

[19] Fol. 216 tal-proċess.

[20] Fol. 236 tal-proċess.

[21] Fol. 252 tal-proċess.

**Ikkunsidrat:**

L-imputata qed tiġi mixlija talli nhar l-4 ta' Mejju 2022 għall-ħabta ta' 00:45hrs, ġewwa Triq Testaferrata, Ta' Xbiex: (1) Mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' Tracey Borg f'periklu ċar, ikkaġunatilha ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, liema ħsara hija ta' natura gravi hekk kif ċertifikat minn Dr. Adriana Grech M.D. Reg. No. 4268, ġewwa d-Dipartiment ta' l-Emerġenza fl-Isptar Mater Dei, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 214, 216, 217 u 218 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ġarret il-barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew iniggeż, ta' liema xorta jkun, mingħajr ma kellha liċenza jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 6 tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkotanzi kisret il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'għajjat u bil-ġlied jew b'xi mod mhux imsemmi band' oħra fil-Kodiċi Kriminali, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (4) Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi hebbet kontra l-persuna sabiex tinġurjaha, iddejjaqha jew tagħmel ħsara lil din il-persuna jew lill-ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (5) Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi u fiż-żminijiet ta' qabel, ġewwa l-Gżejjer Maltin, naqset milli tħares il-kondizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D., fid-Digriet tagħha tad-29 ta' Novembru 2018, li bih ingħatat il-ħelsien mill-arrest, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(1)(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (6) Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi u fiż-żminijiet ta' qabel ġewwa l-Gżejjer Maltin, naqset milli tħares il-kondizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D., fid-Digriet tagħha tal-25 ta' Frar 2022, li bih ingħatat il-ħelsien mill-arrest, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(1)(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (7) Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi u fiż-żminijiet ta' qabel ġewwa l-Gżejjer Maltin, naqset milli tħares il-kondizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Noel Bartolo LL.D., fid-Digriet tiegħu tat-22 ta' April 2022, li bih ingħatat il-ħelsien mill-arrest, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(1)(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (8) Aktar talli fl-istess data, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2021, Onor. Imħallef Dr. Aaron Bugeja LL.D., ikkommettiet reat li għalih hemm piena ta' priġunerija, u dan bi skur ta' l-Artikolu 28B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (9) Aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, ikkommettiet reat waqt il-perijodu ta' Ordni għal Liberazzjoni Kondizzjonata, mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-24 ta' Frar 2022, Maġistrat Dr. Nadine Lia LL.D., u dan bi ksur ta' l-Artikolu 23 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta; (10) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi irrendiet ruħha reċediva ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tagħha mill-Qrati Maltin, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Hija wieġbet li ma hijiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha.

Permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 4 ta' Ottubru 2022[22], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputata sabiex tiġi ġġudikata minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 214, 215, 216, 217, 218 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 6 u 51(7) ta' l-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 579(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Provi:**

**Tracey Borg**[23], l-allegata vittma f'dawn il-proċeduri, xehdet illi bejn it-3 u l-4 ta' Mejju 2022, għall-ħabta ta' 00:15a.m., hija kienet għaddejja minn Triq Testaferrata, Ta' Xbiex. X'ħin għaddiet minn ħdejn ix-showroom tal-karozzi ta' l-Isterling, rat lill-imputata fuq il-bankina. Borg għaddiet minn ħdejn l-imputata, selmitilha b'rasha, imbagħad baxxiet rasha u baqgħet nieżla 'l isfel. Stqarret illi *bqajt miexja 'l isfel u wasalt fejn il-pompa tal-petrol u nħoss lil xi ħadd jiġri minn warajja, passi, indawwar rasi u nsib lil Charlene warajja u qaltli "allright?" u għedtilha "allright". Nerġa' ndawwar rasi, wara pass wieħed jew tnejn, u ħassejt daqqa ġo dahri, indur, konna wiċċ ma' wiċċ u rajtu wiċċha rrabjat u kellha sikkina f'idha u bdiet tfajjar u xxejjer is-sikkina, il-mus għax jien baxxejt rasi u rajtilha mus kannella f'idha. Il-manku deher dak il-ħin kannella, għax jiena għamilt hekk* (biex tilqa' għad-daqqiet) *u daqqa mis-sikkina daħlet minn hawn u ħarġet right through minn hawn* (f'dirigħha). Tenniet illi *sibtha warajja u tatni l-ewwel daqqa ta' sikkina ġo dahri, indur u wiċċha kien jidher li ma hijiex sew, ma kellmitnix xejn u iddaħħal is-sikkina bdiet. Inqlajtilha, dort wiċċi 'l isfel, għamilt tlett passi, ħassejt id-demm, qbadt din l-id u żammejt idi hekk, baxxejt rasi u rajt kif ħa nimxi. Kif ħa nasal fejn tal-pastizzi bejn ngħid ejja fadalli żewġ passi, tagħmilha, tagħmilha. Wasalt fejn Kevin*, fi kliemha sid ta' jew impjegat fi Sphinx Pastizzeria fl-istess Triq, *għedtlu "qlajt xeba' sikkina". … Għedtlu qlajt xeba' sikkina mingħand Charlene Gatt, tlabtu flixkun ilma u ntlift minn sensija. Sibt ruħi bilqiegħda fuq siġġu u ġew ta' l-RIU u ta' l-ambulanza. … Tkellimt ma' Surġenta, staqsietni Charlene Gatt min hi, jiena għedtilha li nafha Buġibba u staqsietni kemm għandha età, ma' dawk ilħaqt tkellimt, ma' Kevin just għedtlu min u x'ġara. … Imbagħad tellgħuni fl-ambulanza u tellgħuni Mater Dei.*

Bħala ġrieħi qalet li kellha ġrieħi f'dahrha, fil-kustilji, f'sidirha, fil-pulmun u taħt idha, kollox fuq in-naħa tal-lemin. Stqarret illi *d-daqqiet kienu jmissu n-nervituri t'idi però n-nerv ma huwiex imqaċċat kollu, huwa mxellef imma għandek bejn six*

[22] Fol. 184 tal-proċess.

[23] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Ġunju 2022, fol. 96 sa' 100 tal-proċess.

*months biex jiġi inkella jridu joperawni għax dan is-saba' ma jintużax, idi numb. Skond it-tobba kelli l-operazzjoni, għandi pulmun imċarrat mhux ħa jiġi mil-lum għal għada u b'hekk għamilt one month l-Isptar. … Għamilt l-ewwel nine days, bagħtni, għamilt two nights barra u erġajt bdejt inħoss uġiegħ u kelli nidħol u irriżulta li s-sikkina kienet imsadda jew b'xi ħaġa għax il-pulmun infjammat.* Tracey Borg stqarret li hija ħarġet mill-Isptar is-Sibt ta' qabel ma tat ix-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri, ossia fl-4 ta' Ġunju 2022. Hija ippreżentat dokumenti mill-Isptar dwar *id-daqqiet u l-operations kif kienu qed jinvistawni, chest x-rays, il-pulmun beda jintefaħ bid-demm, kemm neħħew demm mill-pulmun, tawni tliett ifliexken demm, kemm tlift demm u l-medications li għadni nieħu sal-ġurnata ta' illum* - Dok. "TB1" u Dok. "TB2" a fol. 101 sa' 106 tal-proċess. Hija stqarret li għalkemm lill-imputata tafha, ma tistax tgħid għalfejn ġrat din l-aggressjoni għaliex kienet ilha ma tkellimha mill-2016 peress illi *darba f'2016 kont noħroġ ma' wieħed, kienu mmissjaw bejniethom jew ma nafx, jiena ma bqajtx miegħu, x'għamlu bejniethom ma nafx u daqshekk ilni ma nkellimha mit-2016. Ġieli rajtha mit-2016 imma just hekk b'rasi u nibqa' sejra, qatt ma kien hemm konversazzjonijiet jew għajritni jew xi ħaġa, ħalli l-kliem ikun eżatt, però ġara hekk imbagħad wara sitt snin.*

In kontro-eżami[24] tenniet li l-inċident in kwistjoni seħħ għall-ħabta tal-00:15a.m. ġewwa Triq Testaferrata, Ta' Xbiex, meta hija kienet sejra mill-Imsida fejn toqgħod għal Tas-Sliema. Xehdet illi kienet għaddejja *fi Triq Giuseppe Calì fuq il-bankina, kif ħa ndur wiċċi l-isfel lejn Tas-Sliema, Testaferrata, fil-kantuniera hemmhekk hemm showroom tal-karozzi ta' l-Isterling, Charlene Gatt kienet fil-kantuniera.* Stqarret li l-imputata kienet wieqfa hemm fejn ratha u huma ma kienux miftehmin li se jiltaqgħu dakinhar u tenniet li kienu ilhom is-snin ma jitkellmu. Xehdet illi *aħna l-ġlieda li kien hemm bejnietna, li darba fost l-oħrajn, ġol-Qawra hi waqfet bil-karozza tagħha bis-Celica, konna jien, Toni Armando Zahra, waqfet u bdiet tgħajjar lil Toni li hi kienet toħroġ miegħu, li jien kurnuta u xeba' jeqlibielek miegħek u dawn l-affarijiet. Jiena ma kkalkulajtx, ma tajtx kas and go on bil-ħajja fhimt, la argumentajt, xejn. … lili ma għajritnix.* Iddikjarat li minn dak iż-żmien, ossia mill-2016 sa' l-2022, lill-imputata kienet ratha xi tlett darbiet fejn id-Detox, bl-imputata fil-karozza u hi għaddejja fuq il-bankina. Stqarret li għalkemm dakinhar ta' l-inċident kienu l-00:15a.m. hija lill-imputata għarfitha sew għax għaddiet minn ħdejha. Mistoqsija hijiex ċerta li dik il-persuna kienet l-imputata, Tracey Borg wieġbet *ċerta fuq li jien ċerta, bħal ma qiegħda ċerta li qiegħda hawn quddiemek.* Mistoqsija dwar is-sikkina u/jew mus li ntuża f'dan l-inċident, Borg tiċċara li hija rat mus bil-manku kannella u stqarret *kif għamilt hekk u dawwart rasi jien awtomatikament f'moħħi għedt kif minn hemm fuq ġiet warajja, però one pass għamilt għax ħassejt daqqa ġo dahri li għalija dak il-ħin ħsibtha daqqa ta' ħadida.* Mistoqsija x'rat f'idejn l-imputata, Tracey Borg wieġbet *jien tħaxwix rajt, le ma lħaqtx. Xejn kif ħassejt id-daqqa ġo dahri, dort hekk, fractions of seconds kemm dort, ħarist ġo għajnejha, kellha għajnejha rrabbjati u kellha ħalqha bdiet theżżeż sniena, ma tkellmitx, kellha xagħarha mniżżel, kienet bilqiegħda b'shorts u flokk bl-għoqda, iswed bil-V, ma tkellmitx, qabdet tatini bis-sikkina ma' l-ewwel fractions of seconds kienu, jien għamilt pass lura b'saqajja qbadt idi u żammejt idi*

---

[24] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Lulju 2023, fol. 217 sa' 224 tal-proċess.

*u qbadt ninżel l-istess triq fejn il-pompa tal-petrol. .. jien u miexja bdejt inħoss id-demm nieżel, beda jqattar u d-demm beda jinżel ma' saqajja u bdejt inħoss l-għaraq ixoqq għalija.* Tenniet illi l-imputata kellha *għajnejha irrabjati, jaf kienet taħt xi effett però theżżeż snienha qed tħarislek bl-ikrah hi u ittik id-daqqa.*

L-**Ispettur Colin Sheldon**[25] xehed illi *nhar l-4 ta' Mejju tad-din is-sena 2022, għall-ħabta ta' 00:45a.m., il-Pulizija ta' l-Għassa tad-distrett ta' Tas-Sliema irċevew telefonata illi fi Triq Testaferrata, Ta' Xbiex, kien hemm mara u li kellha xi ġrieħi. Il-Pulizija kienu rrikorrew immedjatament fuq il-post fejn sabu lil din il-mara, Tracey Borg, detentriċi tal-Karta ta' l-Identità numru 417574(M), li kienet qiegħda għand persuna, ċertu Kevin Micallef, li għandu ħanut tal-pastizzi bl-isem ta' Sphinx Pastizzeria ġo din l-istess triq, fejn din kienet imxiet s'għandu u talbitu għall-assistenza. Allegatament kellha inċident fejn persuna aggredietha b'sikkina fejn il-Falcon Service Station, li hija pompa tal-petrol fl-istess triq iktar il-fuq. Meta l-Pulizija kellmuha, infurmathom x'kien ġara, li kienet qalgħet xi daqqiet ta' sikkina u semmiet lill-aggressura b'isimha, li kienet ċertu Charlene Gatt. Fuq il-post irrikorriet ukoll l-ambulanza b'tim mediku fejn taw l-ewwel assistenza, però imbagħad ħadu lil Tracey Borg immedjatament l-Isptar Mater Dei. Il-Pulizija telgħu iktar 'l fuq fejn hemm il-Falcon Service Station u hemmhekk seta' jiġi nnotat illi kien hemm xi dmija li kien hemm ma' l-art fejn dak il-ħin, is-Surġent PS2215 Sally Ann Felice, kienet ċemplitli personalment u nfurmatni bl-inċident. Sa' dak il-ħin ma konniex nafu l-qagħda tal-vittma però infurmatni illi kienet marret Mater Dei. Minn fuq il-post kienu għaddejjin ukoll vettura tal-Major Crimes Unit, iktar qabel l-inċident, fejn kif waslu lejn ix-xaqliba ta' Tas-Sleima, semgħu li ġara inċident u kienu reġgħu rrikorrew fuq il-post biex jagħtu l-assistenza tagħhom u fosthom kien hemm l-Ispettur Jeffrey Scicluna. Jien infurmajt lis-Surġenta sabiex tippreserva x-xena ta' fejn kien hemm id-dmija għal aktar eżamijiet forensiċi li setgħu jsiru fejn fuq il-post is-Scene of Crime Officers PS2293 Michelle Marie Camilleri u s-Civilian Rebecca Bartolo, u għamlu l-eżamijiet min-naħa tagħhom u ħadu ritratti relattivi. Daħlet ukoll informazzjoni minn Mater Dei illi l-persuna kienet sofriet minn ġrieħi ta' natura gravi u ġiet emmessa fil-Ward Cardio Surgical Ward, imma ma kinitx fil-periklu tal-mewt.*

L-Ispettur Sheldon stqarr illi dakinhar ta' l-4 ta' Mejju 2022 huwa talab u ottjena Mandat ta' Arrest fil-konfront ta' l-imputata Charlene Gatt u għamel ukoll talba fuq il-Wanted List fir-rigward ta' l-imsemmija Charlene Gatt, li rriżulta li kienet imfittxija wkoll mill-Ispettur Clayton Camilleri u mill-Ispettur Godwin Scerri. Xehed ultejorment illi *nhar il-11 ta' Mejju tas-sena 2022, waslitli informazzjoni illi Charlene kienent irrikorriet ġewwa l-Uffiċċju tal-Probation fil-Marsa, fejn immedjatament jiena kont bgħatt żewġ Pulizija mill-Għassa ta' Tas-Sliema bil-Mandat, fejn Charlene ġiet arrestata hemmhekk u nġabet l-Uffiċċju tiegħi għal iktar stħarriġ.* L-Ispettur Sheldon stqarr li meta Charlene Gatt ġiet arrestata, hija ġiet interrogata fil-presenza ta' l-Avukat tagħha, u dana wara li ngħatat id-drittijiet tagħha, u in segwitu tressqet il-Qorti fit-12 ta' Mejju 2022, fejn wieġbet li ma hijiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha.

---

[25] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Mejju 2022, fol. 42 sa' 44 tal-proċess.

L-Ispettur Colin Sheldon ikkonferma d-dokumenti minnu esebiti u markati Dok. "CS1" sa' Dok. "CS8" a fol. 12 sa' 26 tal-proċess, konsistenti tali dokumenti fir-rapport tal-Pulizija dwar il-każ, ir-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Arrest fil-konfront ta' Charlene Gatt, debitament degretat, u l-istess Mandat ta' Arrest, estratt miċ-Ċertifikat tat-Twelid ta' Charlene Gatt u l-fedina penali tagħha, dikjarazzjoni ta' l-istess Charlene Gatt fejn użufruwiet mid-dritt tagħha li tikkonsulta ma' l-Avukat tagħha u li tali Avukat tkun preżenti waqt l-interrogazzjoni tagħha, l-istqarrija ta' Charlene Gatt rilaxxata lill-Pulizija u ċertifikat mediku fir-rigward tal-ġrieħi riskontrati fuq Tracey Borg. In oltre, fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2022[26], l-Ispettur Sheldon ippreżenta vera kopja ta' Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Charlene Gatt" maħruġ mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo fid-29 ta' Novembru 2018 - Dok. "CSX1" a fol. 52 tal-proċess, vera kopja ta' Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Charlene Gatt" maħruġ mill-Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit fil-25 ta' Frar 2022 - Dok. "CSX2" a fol. 53 tal-proċess, vera kopja ta' Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Charlene Gatt" maħruġa mill-Maġistrat Dr. Noel Bartolo fit-22 ta' April 2022 - Dok. "CSX3" a fol. 54 tal-proċess, vera kopja ta' sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Charlene Gatt" deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-24 ta' Frar 2022 - Dok. "CSX4" a fol. 55 sa' 58 tal-proċess, kopja ta' sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Charlene Gatt" deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-18 ta' Jannar 2018 - Dok. "CSX5" a fol. 59 u 60 tal-proċess, vera kopja ta' sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Charlene Gatt" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2021 - Dok. "CSX6" a fol. 61 sa' 88 tal-proċess. Fis-seduta tat-18 ta' Lulju 2022, iprreżenta affidavit ta' PS772 Dionysius sive Dennis Agius, flimkien ma' dokument anness miegħu, markati Dok. "DA" u Dok. "DA1" a fol. 131 u 132 tal-proċess.

**PS2251 Sally Anne Felice**[27] xehdet illi *nhar l-4 ta' Mejju tas-sena 2022, għall-ħabta tas-00:45a.m., daħlitilna telefonata mill-Control Room fejn kienu infurmawna illi kien seħħ xi argument u kienu nvoluti xi armi ġewwa Triq Testaferrata, Ta' Xbiex. Qalulna wkoll li kienu viċin ta' pompa tal-petrol però ma kienux identifikaw liema waħda kienet għax hemm tnejn fl-istess triq. Kif wasalna fuq il-post kien hemm ħanut tal-pastizzi fil-viċinanzi fejn bdew jagħmlulna s-sinjali sabiex nieqfu ħdejhom, hemmhekk kien hemm il-vittma Tracey Borg li kienet qiegħda mimlija kollha demm u kienet waslet anke l-ambulanza in fatti fuq il-post u bdiet tgħidilna li ġiet aggredita b'xi ħaġa bil-ponta minn ċerta Charlene Gatt. Hemmhekk kien hemm sid il-ħanut tal-pastizzeria bl-isem ta' Sphinx li kien jismu Kevin Micallef, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 147078(M), fejn beda jgħidilna li anke lilhom bdiet tgħidilhom li ġiet aggredita minn Charlene Gatt. Jiena minn hemmhekk infurmajt kemm lill-Ispettur Colin Sheldon, li kien l-Ispettur ta' l-Għassa, kif ukoll lis-Surġenta kollega tiegħi li kienet inkarigata minn Ta' Xbiex, PS2242, fejn hemmhekk hija ġiet fuq il-post u ovvjament kompliet taħdem fuq il-każ hi. … Kien hemm tar-Rapid Intervention Unit, imma n-numri tagħhom ma nafhomx bl-amment.* Iddikjarat ukoll li fuq il-post kien hemm Spettur tas-CID, iżda ma kenitx taf x'jismu.

---

[26] Fol. 50 u 51 tal-proċess.

[27] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Mejju 2022, fol. 46 u 47 tal-proċess.

**PS2242 Rodine Ghirxi**[28] xehdet illi *fl-4 ta' Mejju ta' din is-sena 2022 kont xogħol ta' bil-lejl u għall-ħabta tas-siegħa ġejt infurmata mill-Pulizija li kien seħħ stabbing ġewwa Triq Testaferrata, Ta' Xbiex, illi kollegi tiegħi leħqu marru fuq il-post qabel għaliex jiena kont fuq xogħol ieħor, x'ħin mort sibt lil PS2251 fejn qaltli li kien hemm ċertu Tracey Borg li ġiet stabbed b'mus jew b'xi ħaġa li taqta', niżlet s'għand tal-pastizzi bil-mixi u minn hemm ċemplu l-ambulanza u ttieħdet l-Isptar. Qabel ma telqet din Tracey Borg qaltilha lil kienet Charlene Gatt li tatha d-daqqa ta' mus. Jiena mbagħad ħadt il-prime note peress li jiena s-Surġent ta' l-Imsida u għamilt ir-rapport jiena*. Is-Surġent Ghirxi kkonfermat li d-dokument markat Dok. "CS1" a fol. 12 u 13 tal-proċess, huwa r-rapport li ġie mħejji minnha.

L-**Ispettur Jeffrey Scicluna**[29] xehed illi *nhar l-4 ta' Mejju 2022, cioè fil-lejl bejn it-3 u l-4 ta' Mejju 2022, kont qiegħed night patrol madwar Malta fejn konna fl-inħawi ta' Tas-Sliema fejn għall-ħabta tan-nofs siegħa jew is-siegħa neqsin kwart ta' filgħodu, konna smajna fuq ir-radio min-naħa tal-Control Room tal-Pulizija illi kien hemm persuna li ntlaqtet minn xi daqqiet ta' sikkina, proprju ġewwa Triq Testaferrata, u li din dak il-ħin kienet tinsab ġewwa Sphinx Pastizzeria proprju faċċata tal-pompa tal-petrol ta' Paul & Rocco. Għaldaqstant, aħna minn Tas-Sliema aċċedejna fuq il-post mill-ewwel fi ftit minuti, inzertajna malli wasalna fuq il-post konna wara l-ambulanza li aċċediet fuq il-post ukoll. Malli wasalna sibna diversi karozzi mit-Taqsima tar-Rapid Intervention Unit kif ukoll ftit wara li wasalna aħna ġew il-Pulizija tad-Distrett. Malli wasalna fuq il-post stajt ninnota il-vittma li kienet ċerta Tracey Borg, li kienet bilqiegħda fuq siġġu quddiem il-pastizzeria u fil-viċinanzi kien hemm diga l-Pulizija qed ikellmuha w ukoll kien hemm ċertu Kevin Schembri li huwa l-owner ta' Sphinx Pastizzeria. Minħabba l-fatt li aħna wasalna eżatt ma' l-ambulanza, il-paramedics kienu ġrew għal fuqha biex jagħtuha l-ewwel għajnuna u meta kont staqsejt lilhom hekk nistax inkellem lill-vittma kienu qaluli le għax il-kundizzjoni tagħha qiegħda gravi u kellhom bżonn jaħdmu urġenti fuqha. Għaldaqstant, Tracey kienet ġiet mgħobbija fuq l-ambulanza u ttieħdet l-Isptar għal aktar kura. Fil-frattemp jiena kont tkellimt ma' Kevin Schembri fejn kien stqarr li malli Tracey waslet ħdejh, infurmatu li qalgħet xi daqqiet ta' sikkina, kienet infurmatu wkoll li kienet ċertu Charlene Gatt li kienet tatha dawn id-daqqiet ta' sikkina, u Kevin ukoll infurmana li l-każ ma kienx ġara fejn il-pastizzeria, kien ġara x'imkien ieħor u l-vittma kienet imxiet s'hemmhekk. Għaldaqstant, aħna bdejna l-investigazzjonijiet tagħha fuq il-post fejn flimkien mal-Pulizija tad-distrett u ta' l-RIU konna ffolowjajna trail ta' qtar tad-demm u meta wasalna quddiem il-pompa tal-petrol li tinsab ġewwa Triq Testaferrata, li isimha mhux qed jiġini, stajna ninnutaw li kien hemm dawra kbira ta' demm. Li kieku kelli nikkalkula, il-pompa tal-petrol qiegħda xi mitejn jew tlett mitt metru 'l bogħod mill-ħanut tal-pastizzi. Ikkordinjajna l-area u ppreservajna x-xena, bdejt nitkellem mas-Surġenti tad-Distrett li kienu fuq il-post u cioè PS2242 Rodine Ghirxi kif ukoll PS 2251 Sally Anne Felice, jiena ma kellix għarfien dwar min setgħet kienet din Charlene Gatt però staqsejt lil dawn is-Surġenti u kienu wrewni ritratt minn fuq profile ta' Facebook ta' ċertu Charlene Gatt u fuq il-cover photo ta' dan il-profile kien hemm vettura ta' l-għamla Toyota Celica bin-numru ta'*

[28] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Ġunju 2022, fol. 94 u 95 tal-proċess.

[29] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Ġunju 2022, fol. 91 sa' 93 tal-proċess.

*reġistrazzjoni CTS190, iċċekkjajt mal-Control Room lil min tgħajjat, sibna r-ritratt u jiena u l-Pulizija tiegħi għamilna patrol kif ukoll enquiries fuq il-post ta' min seta' ra lil Charlene Gatt jew fejn kienet marret. Għal dak il-lejl, l-investigazzjonijiet fejn tinsab Charlene Gatt irriżultaw fin-negattiv imbagħad komplew l-investigazzjoni minn naħa tas-Sur Colin Sheldon kif ukoll tas-Sur Clayton Camilleri. … Xi ħaġa oħra li nsejt insemmi, qabel irċevejna l-call ta' dan ir-rapport fuq ir-radio, aħna konna qed nagħmlu patrol mill-Gżira direzzjoni lejn Tas-Sliema u eżatt kif għaddejna minn Triq Testaferrata direzzjoni lejn Tas-Sliema, it-triq kienet kompletament vojta u stajna ninnutaw żewġ nisa. Fil-fatt meta rċevejna l-call u konna wasalna Tas-Sliema, l-ewwel ħsieb li għaddielna minn moħħha għedna li kienu dawk it-tnejn li kien hemm fil-viċinanzi tal-pompa tal-petrol li kien nqala' argument bejniethom. Però meta għaddejna ma tajtx każ l-uċuħ ta' min kienu iżda t-triq kienet vojta u kull ma kien hemm żewġ persuni femminili.*

**PS2293 Michelle Camilleri**[30] xehdet illi *nhar l-4 ta' Mejju tas-sena 2022 għall-ħabta tas-01:15a.m., ġejna rikjesti mill-Ispettur Colin Sheldon sabiex naċċedu ġewwa Triq Testaferrata, il-Gżira, eżattament quddiem il-pompa tal-fuel bl-isem Falcon Self Service Station fejn ċertu Charlene Gatt, detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 254785(M), kienet feriet b'arma tal-ponta lil ċertu Tracey Borg, detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 417574(M). Hemmhekk jiena ġejt mogħtija xall li kienet liebsa Tracey Borg li kellha tiċpis ta' lewn ħamrani, minn PS2251 Sally Felice u PS2242 Rodine Ghirxi, filwaqt li PC1491 ġibed 9 ritratti li ġew iddokumentati 22/API/101 sa' 22/API/109. Jiena PS2293, apparti x-xall, elevajt ukoll żewġ kampjuni ta' tiċpis ħamrani minn ma' l-art. Dakinhar stess, għall-ħabta tat-2:40a.m., l-istess esponenti aċċedejna ġewwa d-dipartiment ta' l-emerġenza ta' l-Isptar Mater Dei fejn PC1491 ġibed 10 ritratti li ġew iddokumentati 22/API/110 sa' 22/API/119, filwaqt li jiena elevajt il-ħwejjeġ u l-boots li kienet liebsa Tracey Borg li ġew iddokumentati minn 22/API/204 sa' 22/API/209. Lura ġewwa l-laboratorju forensiku, għall-ħabta tat-3:30a.m., PC1491 ġibed ir-ritratti tal-ħwejjeġ li għadni kemm semmejt. Dawn ir-ritratti ġew iddokumentati 22/API/119 sa' 22/API/133.* Dawn ir-ritratti flimkien mar-Rapport relattiv ġew esebiti mis-Surġent Camilleri bħala Dok. "MM" a fol. 150 sa' 173 tal-proċess.

L-**Ispettur Clayton Camilleri**[31] xehed li huwa kien involut f'dan il-każ għar-raġuni li huwa kien qed ifittex lil Charlene Gatt u kien irċieva telefonata anonima li biha ġie nfurmat li l-imsemmija Charlene Gatt, li huwa għaraf bħala l-imputata f'dawn il-proċeduri, kienet tinsab ġo uffiċċju tal-Gvern minn fejn tieħu l-għajnuna. Għamel kuntatt ma' l-Ispettur Colin Sheldon, aċċedew fuq il-post fejn kienet tinsab Charlene Gatt u għaddew għall-arrest tagħha. L-Ispettur Camilleri stqarr li kien preżenti għall-istqarrija rilaxxata minn Charlene Gatt u kkonferma li d-dokumenti markati Dok. "CS6" u Dok. "CS7" a fol. 22 sa' 25 tal-proċess, huma d-dikjarazzjoni tal-parir legali ta' Charlene Gatt u l-istqarrija ta' l-istess Charlene Gatt, fejn fuqhom għaraf il-firma tiegħu u ta' Gatt

[30] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Settembru 2022, fol. 147 sa' 149 tal-proċess.

[31] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Settembru 2022, fol. 174 u 175 tal-proċess.

**Kevin Micallef**[32] xehed li huwa għandu l-Sphinx Pastizzeria u fl-4 ta' Ġunju 2022 kmieni filgħodu mara, li huwa għaraf bħala Tracey Borg, waslet ħdejh u qaltlu biex iċempel lill-ambulanza u x'ħin raha huwa ra li kellha ħafna demm. Fir-rigward huwa stqarr li *bdiet tgħidli "ċempilli l-ambulanza, ċempilli l-ambulanza", jien għidtilha biex tpoġġi bilqiegħda, qamet, waqgħet, qajjimtha, poġġejtha bilqiegħda u ġiet l-ambulanza. … Beda jtir id-demm minnha, jien demm rajt.* Mistoqsi x'qaltlu Borg, Micallef wieġeb *qaltli "qlajt daqqiet ta' sikkina"* iżda ddikjara li huwa l-inċident per se ma rahx. Stqarr illi *bdiet tgħidli "mingħand Charlene" dak għandikun bdiet tgħid għax jiena ma bdejtx nistaqsi, jiena l-ħin kollu bdejt inċempel għall-ambulanza biex tiġi għaliha.* Tenna li hu l-inċident ma rahx iseħħ u lil din Charlene li kienet qed issemmi Tracey Borg, ma jafx min hi.

In kontro-eżami stqarr li l-ħanut tiegħu jinsab ġewwa Triq Testaferrata u meta Tracey Borg waslet ħdejh huwa ralha ħafna demm nieżel minn ma' dahrha. Mistoqsi rax feriti oħra, Micallef wieġeb *ma tajtx każ għax jiena din poġġietli bilqiegħda, waqgħet, qajjimtha, erġajt poġġejtha bilqiegħda u jien kien moħħni biex inġibilha l-ambulanza għax kienet se tmutli quddiem il-ħanut.*

**Dr. Adriana Grech**[33], it-Tabib li nvistat lil Tracey Borg ġewwa l-Emerġenza ta' l-Isptar Mater Dei, stqarret li bħala ġrieħi Borg kellha *one wound over posterior base of the ribcage, approximately 1cm in length on the right. … One wound over right anterior chest mid-davicular line, one wound over right anticabital fossa and one wound over posterior forearm. Kellha wkoll fracture of the third right rib anteriorly, jiġifieri quddiem u mis-CT scan kellha small pneumothorax and a moderate hemothorax with a laceration of the anterior segment of the right upper lobe. Il-pazjenta ġiet admitted Mater Dei.* Dr. Grech ikkonfermat li ċ-ċertifikat markat Dok. "CS8" a fol. 26 tal-proċess, huwa ċ-ċertifikat mediku maħruġ minnha fir-rigward tal-ġrieħi riskontrati fuq Tracey Borg.

Mistoqsija jekk Tracey Borg kenitx f'xi ħin fil-periklu tal-mewt, Dr. Grech wieġbet *sakemm kont qed naraha jiena, le. Ovvjament aħna tajniha t-trattament mill-ewwel, jiġifieri kellha bżonn li jiddaħħal tubu biex nevakwaw id-demm li kien miġmugħ fuq in-naħa tal-lemin tal-pulmun, jiġifieri ovvjament dak kien parti mit-trattament li kien hemm ħafna demm miġmugħ fil-pulmun u aħna daħħalna tubu biex neliminaw dak id-demm ħalli hi tkun tista' tieħu n-nifs. … jiena rreferejt lill-pazjenta għall-kura tal-cardiothoracic, jiġifieri dawk li jieħdu ħsieb in-naħa ta' fuq tal-ġisem u rreferejtha wkoll għand it-tobba ta' l-għadam peress li kellha l-feriti f'idejha u kien hemm fond partikolari fejn kienet qed tħoss li mhijiex qed tħoss idejha.* Mistoqsija kif setgħu ġew kawżati l-feriti li rriskontrat fuq Tracey Borg, Dr. Grech wieġbet *skond kif qed tgħid il-pazjenta, hi ħasbet li kien oġġett bil-ponta li qalet il-pazjenta. Jiena ovvjament ma rajt xejn.* Mistoqsija jekk il-feriti setgħux kienu kompatibbli ma' oġġett bil-ponta, it-Tabiba wieġbet *kienet linja jiġifieri ma tistax tgħid imma linja kienet jiġifieri, jista' jkun.*

---

[32] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Mejju 2022, fol. 37 sa' 41 tal-proċess.

[33] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Lulju 2022, fol. 128 sa' 130 tal-proċess.

**Dr. David Sladden**[34], Tabib kuranti ta' Tracey Borg kemm damet rikoverata l-Isptar Mater Dei, ikkonferma li d-dokumenti markati Dok. "TB1" u Dok. "TB2" a fol. 101 sa' 106 tal-proċess, huma l-Case Summaries li jinħarġu mill-Isptar Mater Dei dwar il-pazjent, f'dan il-każ Tracey Borg. Stqarr illi l-ewwel li daħlet l-Isptar Tracey Borg kien fl-4 ta' Mejju 2022 u baqgħet rikoverata hemm sat-12 ta' Mejju 2022, iżda imbagħad reġgħet daħlet fl-14 ta' Mejju 2022 u baqgħet rikoverata l-Isptar sa' l-4 ta' Ġunju 2022. Mistoqsi għalfejn Borg reġgħet daħlet l-Isptar, Dr. Sladden wieġeb *dawn huma affarijiet li jiġru u l-pazjenta iddaħħlet l-Isptar bi ħsara fil-pulmun u bil-pulmun imtaqqab, kellha xi demm li ħareġ mill-pulmun li ġie evakwat minn tubu li sarilha fl-emerġenza bejn il-kustilji, wara 3 ijiem ta' osservazzjoni kollox kien sewwa u dan it-tubu tneħħa, kollox kien tajjeb u ntbagħtet id-dar u wara xi 3 ijiem daħlet b'sinjali ta' infection li ġieli jiġri meta bniedem ikollu dawn it-tip ta' ġrieħi li jista' jitrabba infection in a delayed manner ngħidulu. Din reġgħet iddaħħlet 3 ijiem wara mbagħad inżammet għal iktar minn ġimgħatjen l-Isptar għal trattament ta' anitbiotic fil-vina li kienu ta' suċċess.*

Fir-rigward tat-trattament u kura mogħtija lil Tracey Borg, Dr. Sladden iddikjara *meta ġiet l-emerġenza ħadu ħsiebha t-team ta' l-emerġenza u t-team tiegħi li jkunu on-call ta' bil-lejl u jiena l-ewwel darba li rajtha kien filgħodu fil-5 ta' Mejju għax hi daħlet tard bil-lejl fl-4 ta' Mejju u minn hemm kienet taħt il-kura tiegħi. … Ġew involuti xi speċjalisti ta' l-ortopedija għax kien hemm xi ġrieħi fl-id u dawk jiena ma nieħux ħsiebhom imma sa' fejn nista' ngħid illi, minn dawk il-ġrieħi ma kien hemm xejn serju u ma sar l-ebda intervent fuq dawk lanqas.*

**Stephania Calafato Testa**[35], Assistent Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali, ikkonfermat is-sentenzi pronunċjati fil-konfront ta' Charlene Gatt mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-18 ta' Jannar 2018 u fl-24 ta' Frar 2022 u ddikjarat li ma kienx hemm appell minnhom. Ikkonfermat ukoll is-sentenza mogħtija fil-konfront ta' Charlene Gatt mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2021. Ikkonfermat ukoll id-Digrieti għall-Ħelsien mill-Arrest pronunċjati fil-konfront ta' Charlene Gatt datati 29 ta' Novembru 2018, 25 ta' Frar 2022 u 22 ta' April 2022, u ddikjarat li kull wieħed minn dawn id-Digrieti kien għadu in vigore. Stephania Calafato Testa ppreżentat dokumenti markati Dok. "SCT1" sa' Dok. "SCT3" a fol. 135 sa' 142 tal-proċess.

L-**Espert Psikjatra Dr. Joseph Cassar**[36], nominat sabiex jevalwa l-istat psikjatriku ta' l-imputata, ippreżenta r-Relazzjoni tiegħu Dok. "JC" a fol. 237 sa' 241 tal-proċess u wara li eżamina lill-istess imputata kkonkluda li *s-Sinjura Charlene Gatt, magħrufa mill-karta ta' l-identità numru 254785(M), bħalissa mhux qiegħda tbgħati minn mard psikatriku akut. Fil-passat kellha 2 episodji ta' psikożi. L-ewwel episodju seħħ f'April 2019 u kellha bżonn tinżamm l-Isptar Monte Karmeli. Fit-tieni episodju li seħħ f'Diċembru 2022, ġiet ikkurata fil-faċilità korrettiva ta' Kordin. Hi rrispondiet tajjeb għall-kura u bħalissa ma tinsabx li għandha sintomi jew sinjali ta' psikożi. Dan huwa grazzi għall-fatt li qiegħda tieħu antipsikotiku u*

[34] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-29 ta' Settembru 2022, fol. 180 sa' 182 tal-proċess.

[35] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Lulju 2022, fol. 133 u 134 tal-proċess.

[36] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Settembru 2023, fol. 236 tal-proċess.

*mediċini oħra psikotropiċi li għandha bżonn teħodhom għall-ħajjitha għax inkella tirkadi fi psikożi. Hi tifhem il-kunċett ta' x'inhu tajjeb u ħażin u tifhem li min jagħmel azzjonijiet ħżiena jiffaċċja konsegwenzi u għalhekk tista' tirrispondi għall-akkużi miġuba kontriha.*

**L-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputata:**

**Bl-ewwel imputazzjoni** dedotta fil-konfront tagħha, l-imputata qed tiġi mixlija talli nhar l-4 ta' Mejju 2022 għall-ħabta ta' 00:45hrs, ġewwa Triq Testaferrata, Ta' Xbiex, mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' Tracey Borg f'periklu ċar, ikkaġunatilha ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, liema ħsara hija ta' natura gravi hekk kif ċertifikat minn Dr. Adriana Grech M.D. Reg. No. 4268, ġewwa d-Dipartiment ta' l-Emerġenza fl-Isptar Mater Dei.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 4 ta' Ottubru 2022[37], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputata biex tiġi ġġudikata minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba fl-Artikoli 214, 215, 216, 217, 218 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tibda billi tosserva li huwa prinċipju assodat fis-sistema ġuridika nostrali li *il-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni, sakemm ma jkunx hemm speċifikat mod ieħor fil-liġi, huwa tal-ħtija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-akkuża tagħha kontra l-akkużat "beyond reasonable doubt", kif ġie deċiż fil-kawża "Pulizija v. Bugeja" tas-26 ta' Marzu 1987. Illi min-naħa l-oħra d-difiża, msaħħa bil-presunzjoni ta' l-innoċenza ta' l-akkużat, tista' tibbaża u/jew tipprova il-każ tagħha anke fuq bilanċ ta' probabbilità, jiġifieri jekk huwa probabbli li seta' ġara dak li ġie rrakkuntat mill-akkużat kif korroborat miċ-ċirkostanzi jew le. Illi dan ifisser li l-Prosekuzzjoni għandha l-obbligu li tipprova l-ħtija ta' l-akkużat oltre kull dubbju dettat mir-raġuni u f'każ li jkun hemm xi dubbju raġonevoli, il-Prosekuzzjoni tiġi kunsidrata li ma ppruvatx il-każ tagħha ta' ħtija u għalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera. Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawża fl-ismijiet "Pulizija v. Peter Ebejer" deċiża fil-5 ta' Diċembru 1997, qalet illi "Ta' min ifakkar hawnhekk il-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubbju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubbji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu li, wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Għamlet sew infatti l-ewwel Qorti li ċċitat b'approvazzjoni l-ispjegazzjoni mogħtija minn Lord Denning fil-każ "Miller v. Minister of Pensions" [1974] 3 All E.R. 372, ta' l-espressjoni "proof beyond reasonable doubt". "Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence*

[37] Fol. 184 tal-proċess.

*"of course it is possible but not in the least probable" the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice" (373-374)*[38].

Dan il-prinċipju japplika b'iktar riljiev fil-każ in eżami għar-raġuni li dwar l-inċident *per se*, il-Prosekuzzjoni għandha xhud wieħed biss u cioè l-allegata vittma Tracey Borg. Dana l-fatt però ma jfissirx li l-Qorti għandha tasal għall-konklużjoni affrettata li l-Prosekuzzjoni ma ssodisfatx l-oneru tal-prova tagħha fil-każ in eżami. Din l-osservazzjoni ssib sostenn f'dak provdut fl-Artikolu 638 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, partikolarment fis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi provvediment. *(1) Bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xhieda tiegħu tkun importanti. (2) B'dan kollu, f'kull każ, ix-xhieda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar.*

Dwar il-kredibilità tax-xhud imbagħad japplikaw il-linji gwida provduti fl-Artikolu 637 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia li d-deċiżjoni tal-kredibilità tax-xhud *titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies ta' l-imġieba, kondotta u karattur tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ: Iżda attenzjoni partikolari għandha tingħata sabiex jiġi assigurat li evidenza relatata ma' l-istorja u l-imġieba sesswali tal-vittma ma tkunx permessa sakemm ma tkunx relevanti u neċessarja.*

Hawn il-Qorti tagħmel referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Clifford Bugeja**, deċiża 5 ta' Diċembru 2019: *jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skond il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċiġji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati. Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u ta' l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta' prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma intlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati ta' l-akkużi miġjuba kontrih.*

Minn eżami tax-xhieda ta' Tracey Borg, inkluż il-komportament tagħha fuq il-pedana tax-xhieda, il-Qorti tqis li l-istess hija xhud kredibbli u konsistenti u li l-verżjoni tal-fatti kif mogħtija minnha għandha mis-sewwa u hija veritiera.

Li Borg sofriet feriti dakinhar ta' l-4 ta' Mejju 2022 fis-siegħat bikrin ta' filgħodu waqt li kienet fi Triq Testaferrata, Ta' Xbiex, huwa fatt li dwaru ftit li xejn jista' jkun

---

[38] Ir-Repubbblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-24 ta' April 2003.

hemm dubju. Apparte l-fatt li l-istess Tracey Borg stqarret li qalgħet daqqiet ta' sikkina, jew aħjar mus, u sfat midruba, Kevin Micallef, sid l-Isphinx Pastizzeria fl-imsemmija triq u għand min Borg marret għall-ewwel għajnuna eżatt kif seħħ l-inċident, stqarr li meta hija waslet ħdejh kienet tidher midruba u kellha ħafna dmija. Anke ċ-ċertifikat mediku maħruġ minn Dr. Adriana Grech, li kienet l-ewwel waħda minn serie ta' tobba li nvistaw u kkuraw lil Tracey Borg, juri biċ-ċar li l-imsemmija Borg dakinhar kellha ammont ta' ġrieħi konsiderevoli.

Tracey Borg mill-ewwel saħqet li kienet l-imputata li tatha d-daqqiet ta' sikkina, jew aħjar ta' mus, di fatti kif waslet ħdejn Kevin Micallef qaltlu li qalgħet id-daqqiet mingħand Charlene Gatt, ossia l-imputata f'dawn il-proċeduri. Din il-verżjoni baqgħet issostniha quddiem il-Pulizija u anke quddiem din il-Qorti, kemm fix-xhieda in eżami kif ukoll in kontro-eżami. Għalkemm kienu għadhom is-siegħat bikrin ta' filgħodu, malli qalgħet l-ewwel daqqa Tracey Borg daret u ġiet wiċċ ma' wiċċ ma' l-aggressur tagħha w allura setgħet tara sew min kien qed jagħtiha daqqiet, ossia l-imputata Charlene Gatt. Apparte minn dan kollu, irriżulta wkoll mix-xhieda l-oħra prodotti li dakinhar f'dawk l-akkwati ftit li xejn kien hemm nies, in effetti l-Ispettur Jeffrey Scicluna, għad illi ma setgħax jgħid li ra b'mod speċifiku lil Tracey Borg u lill-imputata fit-triq u fl-akkwati in kwistjoni, stqarr li meta għaddew mill-post fejn seħħ l-inċident, ftit minuti qabel ma' seħħ l-inċident, kull ma ra f'dawk l-akkwati kienu żewġ nisa. Il-fatt li dak il-ħin fil-post imsemmi ma kienx hemmx ħafna nies abbindat mal-fatt li Borg ġiet wiċċ ma' wiċċ ma' l-aggressur tagħha fil-ħin ta' l-aggressjoni, diffiċilment, jekk mhux addirittura impossibbli, li Tracey Borg setgħet titgerfex jew ma tagħrafx l-identità ta' l-aggressur tagħha, li kif ingħad, irriżulta li kienet l-imputata odjerna.

Fir-rigward ta' imputazzjoni ta' offiża volontarja fuq il-persuna huwa prinċipju assodat in materja li jeħtieġ jirriżulta l-*animus nocendi*, ossia l-intenzjoni ġenerika li l-awtur tar-reat jikkawża ħsara fil-ġisem ta' ħaddieħor jew fis-saħħa ta' dik il-persuna jew li jġib diżordni f'moħħha bl-azzjoni volontarja tiegħu. Hawn issir referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Lucas Andrea Cutajar**, deċiża fit-8 ta' Jannar 2024, fejn appuntu jingħad illi: *fl-appell kriminali Il-Pulizija v. Emanuel Zammit*[39] *fuq l-intenzjoni rikjesta għal fini ta' reat ta' offiża volontarja fuq il-persuna, intqal hekk: Fil-liġi tagħna, għall-fini tar-reat ta' offiża volontarja fuq il-persuna, hi meħtieġa l-intenzjoni ġenerika li wieħed jagħmel ħsara. Jekk l-intenzjoni ta' l-aġent tkun li jagħmel ħsara, żgħira kemm hi żgħira dik il-ħsara li jkollu f'moħħu li jagħmel, hu jrid iwieġeb għall-konsegwenzi kollha li effettivament jirriżultaw bħala konsegwenza diretta ta' l-għemil tiegħu. Dawk il-konsegwenzi jistgħu jkunu gravi (artikolu 216), gravissimi (artikolu 218) jew addirittura l-mewt (artikolu 220). Bi ħsara wieħed jifhem anke s-sempliċi sensazzjoni ta' uġigħ li tiġi minn daqqa mingħajr il-ħtieġa ta' leżjoni fit-tessuti. L-Artikolu 214 tal-Kap.9 jitkellem dwar "... ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna ... jew diżordni f'moħħha...", isegwi kelma b'kelma d-disposizzjoni ta' l-Artikolu 372 tal-Codice Zanardelli: "Chiunque, senza fine di uccidere, cagiona ad alcuno un danno nel corpo o nella salute o una perturbazione di mente, è punito ... Huma wkoll diversi s-sentenzi tal-Qrati Maltin*

[39] Deċiża fit-30 ta' Marzu 1998.

*li jagħmlu referenza għall-insenjamenti tal-Professur Mamo, fosthom l-appell kriminali Il-Pulizija v. Eric Sciberras Balbi*[40]*, fejn dik il-Qorti ċċitat silta mill-appell kriminali Il-Pulizija v. Noel Degiorgio: "Fil-ktieb tiegħu, Notes on Criminal Law, il-Professur Anthony J. Mamo jgħid hekk: " To constitute the crime of wilful bodily harm, the injury must have been caused intentionally. But the intention required is merely "animus nocendi", the generic intent to cause harm, without requiring necessarily an actual intention to do the particular kind of bodily harm which, in fact, ensues. In other words, it is not essential that the intention was to produce the full degree of harm that has actually been inflicted. ... Therefore, in the case of bodily harm, if the intent of the doer is to injure, he will answer for the harm actually caused, in application of the principle "dolus indeterminatus determinatur ab exitu". Illi għalhekk sabiex jiġi integrat ir-reat ta' offiża volontarja fuq il-persuna huwa suffiċjenti li jiġi ppruvat - mingħajr dubju dettat mir-raġuni - li meta l-awtur tar-reat ikun aġixxa bl-azzjoni leżiva tiegħu, l-intenzjoni tiegħu f'dak il-mument kienet dik li jikkawża offiża - ħsara lil persuna oħra - mingħajr il-ħtieġa li jiġi ppruvat li jkun ried il-grad ta' ħsara li effettivament jirriżulta u dan peress li l-awtur tar-reat ikun irid jagħmel tajjeb għall-ħsara effettivament kaġunata u l-konsegwenzi li jitnisslu mill-għemil illegali tiegħu. Fil-kamp tal-leżjonijiet personali - kemm dawk li jeħtieġ intenzjoni ġenerika li ssir ħsara, kemm dawk li jirrikjedu intenzjoni speċifika - din l-intenzjoni tista' tiġi deżunta min-numru ta' fatturi, inkluż miċ-ċirkostanzi li jikkaratterizzaw il-mument ta' qabel, waqt u wara t-twettiq ta' l-att leżiv, jekk tkunx intużat xi forma ta' mezz estraneju għall-ġisem ta' l-awtur tar-reat jew xi arma, u f'każ affermattiv, x'tip ta' arma intużat mill-awtur tar-reat biex jitwettaq l-att leżiv, f'liema parti tal-ġisem ikun immanifesta ruħu l-att leżiv, jekk ikunx intqal xi kliem mill-awtur tar-reat fil-waqt tal-kommissjoni tar-reat, eċċetra. Fil-fatt, fl-appell kriminali superjuri Ir-Repubblika ta' Malta v. Salvu sive Salvatore Gauci, intqal is-segwenti: Issa, kif tajjeb ġie osservat mill-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, biex wieħed jara x'kienet l-intenzjoni, wieħed irid jara x'kienu l-fatti - l-att materjali li sar - kif ukoll iċ-ċirkostanzi li fih seħħ dak l-att materjali. Wieħed irid jara x'arma intużat, kif intużat, 'il fejn ġiet indirizzata jew ġew indirizzati d-daqqa jew id-daqqiet b'dik l-arma, x'diskors intqal sew qabel, waqt, kif ukoll wara li ingħatat id-daqqa jew li ngħataw id-daqqiet. Din l-interpretazzjoni mill-Qrati Matlin hija mera ta' dik il-posizzjoni adottata anke mill-Qrati fl-Italja fejn il-Cassazione rrikonoxxiet li għall-fini ta' leżjoni personali huwa meħtieġ li tiġi pruvata l-eżistenza tad-dolo generico, u dment li l-awtur tar-reat ikun ra bil-quddiem li l-azzjoni tiegħu kienet probabbilment tikkaġuna ħsara fil-ġisem tal-vittma tiegħu: Per la sussistenza del dolo nel delitto di lesioni personali, non è necessario che la volontà dell'agente sia diretta alla produzione di conseguenze lesive, essendo sufficiente l'intenzione di infliggere all' altrui persona una violenza fisica; basta quindi il dolo generico che deve reputarsi sussistente - sia pure nella forma eventuale - anche in ipotesi di azione commessa loci causa allorchè l'agente abbia previsto come probabile (e quindi ne abbia accettata la verificazione concreta) l'evento lesivo. In ordine al reato di lesioni volontarie il dolo consiste nella cosciente volontà del fatto e, in oltre, nella volontà dell'evento giuridico e cioè dell'offesa dell'interesse tutelato dalla norma, e poichè tale risultato si considera*

---

[40] Deċiża fit-28 ta' Marzu 2019.

*voluto non solo quando si sia concretato nel punto di mira dell' attività del soggetto ma anche quando è stato previsto e nel tempo stesso accettato per la eventualità del suo verificarsi, il dolo nel delitto in esame sussiste tutte le volte che l'agente ha previsto che il suo comportamento avrebbe potuto determinare un'offesa alla integrità personale del soggetto passivo ed ha agito al fine o a costo di cagionarlo. Nel reato di lesioni personali volontarie la sussistenza del dolo non può essere negata quante volte l'autore del reato abbia previsto che il suo comportamento avrebbe potuto determinare un pregiudizio all'integrità personale del soggetto passivo ed abbia ciò nonostante agito anche a costo di cagionarlo. Allura meta l-awtur tar-reat ikun ifforma intenzjoni ġenerika li jikkawża xi ħsara fuq il-persuna tal-vittma tiegħu, u effettivament iwettaq l-att u jikkawża ħsara fuq il-persuna tal-vittma tiegħu, mhux meħtieġ għall-Prosekuzzjoni li tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-awtur tar-reat kellu wkoll l-intenzjoni li jikkaġuna dik il-ħsara partikolari fil-ġisem tal-vittma li tkun irriżultat b'konsegwenza tal-azzjoni tiegħu u dan peress li mhux meħtieġ għall-Prosekuzzjoni li tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-intenzjoni tal-awtur tar-reat kienet preċiżament li jikkaġuna dik il-ħsara kollha li tkun tirriżulta sofferta mill-vittma. Ġaladarba jkun pruvat li l-awtur tar-reat kellu intenzjoni ġenerika li jikkaġuna offiża fuq il-persuna tal-vittma, huwa jkun imbagħad irid iġorr il-konsegwenzi ta' għemilu skont kif jirriżultaw mill-ħsara fuq il-ġisem tal-vittma kaġunata minnu. Il-Professur Mamo jabbraċċja l-linja tal-ħsieb li f'offiża ta' natura volontarja wieħed għandu jirrispondi għall-konsegwenzi li effettivament jirriżultaw mill-azzjoni volontarja tiegħu indipendentement minn dak li kellu f'moħħu li jikkawża meta wettaq l-azzjoni.*

Fil-każ in eżami jirriżulta lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputata ċertament kellha l-intenzjoni ġenerika li tikkawża offiża fuq il-persuna ta' Tracey Borg. Jibda biex jiġi osservat illi hija ġiet minn wara Tracey Borg u l-ewwel daqqa tahtielha f'dahrha. L-istess Borg indunat bl-imputata biss kif ħasset din l-ewwel daqqa f'dahrha. L-imputata tat lil Borg daqqiet b'mus, hekk kif rat l-istess Borg, u wara li tatha l-ewwel daqqa f'dahrha baqgħet ittiha diversi daqqiet oħra. In oltre Tracey Borg qalet li meta l-imputata kienet qed tagħtiha d-daqqiet kellha wiċċ irrabjat u kienet qed theżżeż snienha ukoll.

Id-Difiża, dejjem a bażi tax-xhieda ta' Tracey Borg, partikolarment dwar l-imġieba ta' l-imputata waqt l-aggressjoni, talbet in-nomina ta' Espert Psikjatra sabiex jevalwa l-istat Psikatriku ta' l-imputata. L-Espert in kwistjoni, il-Psikjatra Dr. Joseph Cassar, stqarr illi a bażi ta' l-evalwazzjoni li għamel ta' l-imputata, u minkejja li kellha żewġ episodji ta' psikożi, wieħed fl-2019 u b'hekk qabel l-inċident mertu tal-proċeduri, u ieħor f'Diċembru 2022, kwindi wara l-inċident mertu tal-każ, ikkonkluda li l-imputata *tifhem il-kunċett ta' x'inhu tajjeb u ħażin u tifhem li min jagħmel azzjonijiet ħżiena jiffaċċja konsegwenzi u għalhekk tista' tirrispondi għall-akkużi miġuba kontriha.*

Stabbilit li l-imputata kellha l-intenzjoni ġenerika li tikkawża offiża fuq il-persuna ta' Tracey Borg, jeħtieġ issa jiġi determinat x'tip ta' offiża ġiet hekk ikkawżata lil Borg ossia jekk hux ħafifa, gravi jew gravissima. Kif ġia osservat iktar 'l fuq, fil-każ in eżami l-Prosekuzzjoni qed tixli lill-imputata bir-reat ta' offiża volontarja ta'

natura gravi fuq l-imputata u fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 4 ta' Ottubru 2022, l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputata biex tiġi ġġudikata minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba fl-Artikoli 214, 215, 216, 217, 218 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward terġa' ssir referenza għas-sentenza appena ċitata **Il-Pulizija v. Luca Andrea Cutajar**, fejn ġie osservat illi *kif tajjeb osservat din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi*[41]*: il-kwistjoni ta' jekk offiża hix waħda ħafifa u ta' importanza żgħira, ħafifa, gravi jew gravissima hi waħda ta' fatt u għalhekk rimessa għall-ġudikant tal-fatt (fil-każ ta' ġuri, għalhekk, rimessa f'idejn il-ġurati; fil-każ odjern rimessa f'idejn il-ġudikant ta' l-ewwel grad – il-Maġistrat – u issa f'idejn l-Imħallef sedenti). Ma hix, għalhekk, kwistjoni li tiddependi neċċessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bħala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistgħu joffru l-opinjoni tagħhom dwar, fost affarijiet oħra, kif setgħet ġiet ikkaġunata dik l-offiża, jew ma' xiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu ġew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbagħad għall-ġudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib iżda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiża. L-Artikolu 214 tal-Kodiċi Kriminali jaqra: Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta'offiża fuq il-persuna. Illi mbagħad l-Artikolu 215 tal-Kodiċi Kriminali jikklassifika tali offiżi bejn offiża ta' natura gravi u offiża ta' natura ħafifa. Dawn l-offiżi jerġgħu jinqasmu fil-kategoriji oħra bażati fuq distinzjoni li l-Leġislatur ħoloq skont kif marbuta mal-konsegwenzi li ġġib ferita u mhux oħra. Il-Kodiċi Kriminali jiddistingwi bejn offiża gravi fis-sens tal-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali u l-offiża gravissima ai termini tal-Artikolu 218 tal-istess Kodiċi. Imbagħad, l-offiża hija meqjusa wkoll gravi jekk tkun magħmula b'wieħed mill-mezzi imsemmija fl-Artikolu 217 tal-Kodiċi Kriminali jew jekk iġġib il-mewt hekk kif indikat fl-Artikolu 220 tal-istess Kodiċi. In kwantu għal offiża ħafifa, din tista' tkun dik ikkontemplata fl-Artikolu 221(1) tal-Kodiċi Kriminali jew dik ta' importanza żgħira ai termini tal-Artikolu 221(3) tal-istess. B'riferenza għall-offiżi ta' natura gravi, dawn allura jistgħu jkunu gravi jekk iġibu xi wieħed mill-konsengwenzi msemmija fl-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali; jew jistgħu ukoll jitqiesu iżjed serji, u allura klassifikabbli bħala gravissimi jekk iġibu xi waħda mill-konsegwenzi msemmija fl-Artikolu 218 tal-istess Kodici. Għalhekk fil-gradwatorja tal-gravita, l-Artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali jitqies li jwassal għal offiża gravi b'riferenza għas-serjetà tal-konsegwenzi li l-offiża tħalli fuq il-vitma, li però tali konsegwenzi għalkemm gravi, jridu jkunu ta' anqas serjetà u gravità minn dawk imsemmija fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali. Dan huwa rifless ukoll f'differenza fil-pieni stabbiliti mil-Liġi għal min jikkommettihom, bl-offiża gravissima msemmija fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali tippreskrivi piena għola minn dik li tkun tista' tingħata fil-każ ta' kommissjoni ta' offiża gravi skont l-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali. L-Artikolu 216(2) tal-Kodiċi Kriminali huwa ukoll ċar in kwantu jikklassifika dik il-ferita bħala gravi u punibbli taħt l-ewwel subinċiż anki jekk il-persuna offiża tfiq mingħajr ma kienet qatt matul il-marda,*

[41] Deċiża fit-30 ta' Lulju 2004.

*f'perikolu attwali ta' ħajja jew tal-konsegwenzi msemmija fis-subinċiż numru wieħed tal-istess. Allura b'riferenza għar-reat ta' offiżi gravi fuq il-persuna fis-sens tal-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali, l-actus reus tar-reat ipotizzat fl-Artikolu 214 tal-Kodiċi Kriminali, inkluż meta abbinat mal-Artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali, irid li jkun jikkonsisti f'dik l-offiża li ġġib xi waħda jew iktar mill-konsegwenzi indikati fl-Artikolu 216 tal-istess Kodiċi.*

Il-prova tal-Prosekuzzjoni dwar it-tip u gravità tal-ġrieħi li ġarbet Tracey Borg tikkonsisti fix-xhieda tat-Tabib Dr. Adriana Grech u tat-Tabib Dr. David Sladden, li entrambe nvistaw u/jew kellhom il-kura ta' Tracey Borg f'idejhom.

Dr. Adriana Micallef stqarret illi meta Tracey Borg ġiet ammessa l-Isptar Mater Dei, ġewwa id-Dipartiment ta' l-Emerġenza, hija rriskontratilha *one wound over posterior base of the ribcage, approximately 1cm in length on the right. … One wound over right anterior chest mid-davicular line, one wound over right anticabital fossa and one wound over posterior forearm. Kellha wkoll fracture of the third right rib anteriorly, jiġifieri quddiem u mis-CT scan kellha small pneumothorax and a moderate hemothorax with a laceration of the anterior segment of the right upper lobe*. Apparte minnhekk, peress illi Tracey Borg kellha id-demm miġmugħ fil-pulmun tal-lemin, hija kellha tiġi ntubata sabiex tali demm jiġi eliminat ħalli hija tkun tista' tieħu n-nifs. Hija kklassifika l-ġrieħi ta' Tracey Borg bħala *grievous*.

Dr. David Sladden ikkonferma li Tracey Borg iddaħħlet l-Isptar bi ħsara fil-pulmun, senjatament kellha l-pulmun imtaqqab u ħareġ id-demm mill-pulmun, konsegwenza ta' liema hija kellha tiġi operata. Stqarr ukoll li kif ġieli jiġri f'dawn il-każijiet wara li Tracey Borg ġiet rilaxxata mill-Isptar fit-12 ta' Mejju 2022, reġgħet ġie ammessa l-Isptar fl-14 ta' Mejju 2022 minħabba infezzjoni fil-pulmun u baqgħet hemm rikoverata sa' l-4 ta' Ġunju 2022. B'hekk b'kollox Tracey Borg damet 30 ġurnata l-isptar. In kwantu rigwarda l-ġrieħi f'idejha jew aħjar il-forearm, Dr. Sladden stqarr li għalkemm ma kienx hu li eżamina u kkura lil Tracey Borg fir-rigward, madanakollu minn dawk il-ġrieħi ma kien hemm xejn serju u fil-fatt lanqas kien meħtieġ intervent fuqhom.

Mill-Case Summaries ta' Tracey Borg - Dok. "TB1" u Dok. "TB2" a fol. 101 sa' 106 tal-proċess - jirriżulta li meta ddaħlet l-Isptar fl-4 ta' Mejju 2022 u ġiet invistata mill-Cardiothoracic Surgeon, ġew riskontrati fuqha *2.5 longitudinal incision in right mid-clavicular line around 5cm above the nipple, minimal oozing; 2 cm longitudinal incision in right posterior chest wall with no active bleeding, 2 further incisions along anterior medical aspect of right cubital fossa and posteromedical aspect of the right forearm*[42].

Minn dawn il-provi il-Qorti hi ta' l-opinjoni li l-feriti kawżati lil Tracey Borg mill-imputata, **partikolarment** dawk relattivi għat-thoracic cavity fejn ġie kompromess il-pulmun tal-lemin, ċertament jaqgħu taħt dak provdut fl-Artikolu 216(1)(ċ)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, *l-offiża fuq il-persuna hija gravi, u*

[42] Dok. "TB1" a fol. 101 tal-proċess.

*għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin - ... (ċ) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218; (d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu.*

Mill-provi prodotti però, senjatament mix-xhieda ta' Dr. David Sladden u anke l-Case Summaries ta' Tracey Borg, ma jirriżultax li l-ġrieħi subiti minnha, għad illi għamlet żmien apprezzabbli rikoverata l-Isptar, ħallew fuqha xi debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew xi difett permanenti f'parti ta' l-għamla tal-ġisem kif provdut fl-Artikolu 218 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għal kull buon fini l-Qorti tosserva li għalkemm in segwitu għal rekwiżit ta' l-Avukat Ġenerali fir-Rinviju datat 11 ta' Lulju 2022[43] kien ġie nominat it-Tabib Dr. Mario Scerri bħala Espert Mediku sabiex jeżamina l-ġrieħi ta' Tracey Borg u jirrelata dwar il-permanenza u serjetà ta' l-istess għall-finijiet ta' l-Artikolu 218 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta[44], għal xi raġuni l-Prosekuzzjoni qatt ma ħarket lill-imsemmi Espert Mediku biex jippreżenta r-Relazzjoni tiegħu u jixhed fir-rigward. Minkejja dan però l-Qorti tqis li a bażi tal-provi prodotti, senjatament a bażi tax-xhieda ta' Dr. Adriana Grech, ta' Dr. David Sladden u tal-Case Summaries ta' l-Isptar Mater Dei fir-rigward ta' Tracey Borg, hija b'ugwal mod għandha biżżejjed provi sostanzjati biex tasal għall-konklużżjonijiet tagħha, hawn appena esposti.

Il-Qorti għalhekk ittenni li a bażi tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, jirriżulta lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputata hija ħatja tar-reat ta' offiża volontarja ta' natura gravi a dannu ta' Tracey Borg ai termini ta' l-Artikolu 216(1)(ċ)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hawn tosserva li għalkemm mill-provi prodotti jirriżulta li l-ġrieħi fuq Tracey Borg ġew ikkawżati minn strument li jaqta' jew iniggeż, identifikat mill-istess Borg bħala mus, Hija tinsab prekluża milli tqis lill-imputata ħatja ai termini ta' l-Artikolu 217 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputazzjoni oriġinali fil-konfront ta' l-imputata kienet fis-sens illi nhar l-4 ta' Mejju 2022 għall-ħabta ta' 00:45hrs, ġewwa Triq Testaferrata, Ta' Xbiex, mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' Tracey Borg f'periklu ċar, **ikkaġunatilha ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, liema ħsara hija ta' natura gravi** hekk kif ċertifikat minn Dr. Adriana Grech M.D. Reg. No. 4268, ġewwa d-Dipartiment ta' l-Emerġenza fl-Isptar Mater Dei. Huwa evidenti li a bażi ta' l-imputazzjoni kif dedotta il-Qorti Istruttorja setgħet tmexxi l-kumpilazzjoni fir-rigward tal-ġrieħi gravi ai termini ta' l-Artikolu 216 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jew ta' l-Artikolu 218 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 4 ta' Ottubru 2022[45] però, l-Avukat Ġenerali indika, apparte l-Artikoli 214, 216 u 218 tal-Kap.9

[43] Fol. 118 u 119 tal-proċess.

[44] Digriet datat 18 ta' Lulju 2022, fol. 124 tal-proċess.

[45] Fol. 184 tal-proċess.

tal-Liġijiet ta' Malta, ukoll l-Artikolu 217 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta bħala artikolu tal-Liġi taħt liema din il-Qorti setgħet issib ħtija fl-imputata.

L-Artikolu 217 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *l-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija* ***minn sentejn sa' għaxar snin***[46] *jekk tiġi magħmula b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggeż, inkella b'xi sustanza jew likwidu li jesplodi jew jaħraq jew li hu korroživ: Iżda meta r-reat ikun sar b'xi sustanza jew likwidu li jesplodi l-piena minima tkun priġunerija għal erba' snin u d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation ma japplikawx.*

Huwa evidenti li l-Artikolu 217 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi għal piena iktar għolja minn dik prevista fl-Artikolu 216 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta - priġunerija minn sena sa' seba' snin - u l-Qorti trid tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha f'dan l-ambitu stante li mill-provi ma jirriżultawx grieħi gravi ai termini ta' l-Artikolu 218 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta li, fi kwalunkwe każ jipprovdi għal piena ta' priġunerija għola minn dik prevista fl-Artikolu 217 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Hawn il-Qorti tagħmel referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Michael Carter**, deċiża fis-7 ta' Diċembru 2001, *meta, (invece,) ir-rinviju għall-ġudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wieħed qed jitkellem fuq għall-anqas reat wieħed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tassumi rwol simili għal dak ta' l-att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju skond l-Artikolu 370(3)* ***ma jistgħux jiżdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Ġenerali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jżid skużanti***[47]*. Bħal fil-każ tal-att ta' akkuża, jekk fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju taħt l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Ġenerali jakkuża lil xi ħadd bħala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Maġistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkużat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu ħati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat ieħor anqas gravi iżda kompriż u involut f'dak ir-reat, jew bħala kompliċi f'dak ir-reat.*

Huwa evidenti li l-Avukat Ġenerali ma setgħax fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 4 ta' Ottubru 2022, jżid aggravanti, li ma kenitx riflessa fl-imputazzjoni a bażi ta' liema saret il-kumpilazzjoni, li tirrendi l-posizzjoni ta' l-imputata iktar oneruża għal dak li jirrigwarda l-piena li għaliha tista' tkun soġġetta. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk jiġi ribadit li l-Qorti hija prekluża milli tikkonsidra l-aggravanti prevista fl-Artikolu 217 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fid-dawl ta' dan kollu għalhekk il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputata hija ħatja li nhar l-4 ta' Mejju 2022 fis-siegħat bikrin ta' filgħodu ġewwa Triq Testaferrata, Ta' Xbiex, ikkaġunat lil

[46] Enfasi tal-Qorti.

[47] Enfasi ta' din il-Qorti.

Tracey Borg offiza volontarja ta' natura gravi ai termini ta' l-Artikoli 216(1)(ċ)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bit-**tieni imputazzjoni** dedotta fil-konfront tagħha l-imputata qed tiġi mixlija aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ġarret il-barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew iniggeż, ta' liema xorta jkun, mingħajr ma kellha liċenza jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija. Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 4 ta' Ottubru 2022[48], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputata sabiex tiġi ġġudikata minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba, fl-Artikoli 6 u 51(7) ta' l-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta.

In sostenn ta' din l-imputazzjoni partikolari, il-Prosekuzzjoni ppreżentat affidavit ta' PS772 Dionysius sive Dennis Agius b'dokument anness miegħu, markati dawn Dok. "DA" u Dok. "DA1" a fol. 131 u 132 tal-proċess[49].

Fil-fehma tal-Qorti però din il-prova prodotta mill-Prosekuzzjoni ma hijiex proċeduralment ammissibbli u bħala tali ma tistax tiġi kkunisdrata.

L-Artikolu 646 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, fis-subartikolu (1), jipprovdi li: *bla ħsara tad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-qorti u viva voce*. Minn qari tal-kumplament tal-provvedimenti ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi, jirriżulta ferm evidenti li Uffiċjal tal-Pulizija ma huwiex eżentat milli jidher quddiem il-Qorti u jixhed *viva voce*.

Għalkemm ai termini ta' l-Artikolu 360A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta: *fi proċeduri sommarji għal reati li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali taħt l-artikolu 370(1) il-Pulizija tista', flimkien maċ-ċitazzjoni jew f'kull waqt li jiġi wara, tinnotifika lill-akkużat kopji ta' kull affidavit magħmul minn uffiċjal pubbliku jew minn impjegat jew uffiċjal ta' korp magħqud imwaqqaf b'liġi jew minn rappreżentant ta' xi intrapriża, kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi u li għandu jinġieb bħala xhud tal-prosekuzzjoni f'dawk il-proċeduri kif ukoll dokumenti li jkunu se jinġiebu bħala provi fl-istess proċeduri, u jekk l-akkużat ikun irid jagħmel kontro-eżami lil xi persuna li kellha l-affidavit tagħha notifikat lilu kif hawn aktar qabel imsemmi, huwa għandu, mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata qabel l-ewwel seduta li tiġi minnufih wara n-notifika tal-affidavit, javża b'dan lill-Kummissarju tal-Pulizija b'ittra reġistrata u malli dan, il-persuna li jrid isirilha l-kontro-eżami għandha titħarrek biex tixhed fil-proċeduri:...*, huwa ferm evidenti li l-imsemmi provvediment tal-Liġi ma japplikax għall-każ in eżami.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti ma hijiex ser tqis l-affidavit ta' PS772 Dionysius sive Dennis Agius b'dokument anness miegħu, in kwantu proċeduralment inammissibbli, u per konsegwenza minħabba nuqqas ta' provi tqis il-Prosekuzzjoni

---

[48] Fol. 184 tal-proċess.

[49] Dawn ġew ippreżentati mill-Ispettur Colin Sheldon waqt is-seduta tat-18 ta' Lulju 2022.

ma rnexxilhiex tipporva, wisq inqas lil hinn minn kull dubju raġonevoli, il-ħtija ta' l-imputata għat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha. Konsegwentement il-Qorti ma tistax issib lill-imputata ħatja tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha u b'hekk ikollha tilliberaha mill-istess.

Bit-**tielet imputazzjoni** dedotta fil-konfront tagħha, l-imputata qed tiġi mixlija aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkotanzi kisret il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'għajjat u bil-ġlied jew b'xi mod mhux imsemmi band' oħra fil-Kodiċi Kriminali. Bin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 4 ta' Ottubru 2022[50], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputata quddiem din il-Qorti sabiex tiġi ġġudikata għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba fl-Artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward ta' dan ir-reat kontemplat fl-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-Ingliż imsejjaħ *a breach of public peace*, trid tissussisti sitwazzjoni fejn persuni oħra jkunu beżgħu għall-inkolumità tagħhom waqt l-inċident. Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Pio Galea**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Ottubru 1997, fejn ingħad illi biex jissussisti dan ir-reat *irid ikun hemm, bħala regola, għemil voluntarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanżi li fihom dak l-għemil jseħħ, jnissel imqar minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew imputat) dwar l-inkolumita fiżika ta' persuna kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba il-possibilita ta' reazzjoni għal dak l-għemil.*

Meta l-fatti tal-każ kif riżultanti mill-provi prodotti jiġu kkunsidrati fid-dawl ta' dawn il-prinċipji, jirriżulta evidenti li r-reat li bih qed tiġi mixlija l-imputata bit-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha, ma jissussistix. Apparte l-fatt li fil-lok fejn u fil-ħin li fih seħħ l-inċident ma kien hemm prattikament ħadd fit-triq, hekk kif xehed anke l-Ispettur Jeffrey Scicluna, fil-kors ta' l-inċident, għad illi l-imputata tat daqqiet ta' mus lil Tracey Borg, ma ntqal xejn, ma kienx hemm għajjat u ma kienx hemm ġlied mod ieħor. Konsegwentement għalhekk il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli l-ħtija ta' l-imputata għat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha u per konsegwenza jkollha tilliberaha mill-istess.

Bir-**raba' imputazzjoni** dedotta fil-konfront tagħha, l-imputata qed tiġi mixlija talli l-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ħebbet kontra l-persuna sabiex tinġurjaha, iddejjaqha jew tagħmel ħsara lil din il-persuna jew lill-ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali. Bin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata datata 4 ta' Ottubru 2022[51], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputata sabiex tiġi ġġudikata minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba fl-Artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ikkunsidrata d-diċitura ta' l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, fid-dawl ta' dak s'issa determinat f'din is-sentenza, ossia li l-imputata għandha tinstab

[50] Fol. 184 tal-proċess.

[51] Fol. 184 tal-proċess.

ħatja ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta kontriha, għandu jsegwi li l-Qorti trid tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din l-imputazzjoni partikolari dedotta fil-konfront ta' l-imputata.

Bil-**ħames, sitt u seba' imputazzjoni** dedotti fil-konfront tagħha, l-imputata qed tiġi mixlija bil-ksur ta' kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest imposti fuqha bi tlett Digrieti għall-ħelsien mill-arrest separati, dak maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datat 29 ta' Novembru 2018, dak maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datat 25 ta' Frar 2022 u dak maħruġa mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datat 22 ta' April 2022.

Il-Prosekuzzjoni, tramite x-xhieda ta' l-Ispettur Colin Sheldon, ippreżentat vera kopja ta' l-imsemmija tlett Digrieti għall-Ħelsien mill-Arrest, rispettivament markati Dok. "CSX1", Dok. "CSX2" u Dok. "CSX3" a fol. 52 sa' 54 tal-proċess. Stephania Calafato Testa, Assistent Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali, illi xehdet dwar kawżi pendenti u deċiżi fil-konfront ta' Charlene Gatt bil-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0254785(M), ossia fil-konfront ta' l-imputata odjerna, ikkonfermat li l-imsemmija tlett Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest ingħataw fil-konfront ta' l-imputata u li fiż-żmien tax-xhieda tagħha kienu għadhom in vigore.

Qabel ma tidħol fil-mertu ta' dawn l-imputazzjonijiet hekk dedotti fil-konfront ta' l-imputata, il-Qorti tosserva li d-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest ta' l-imputata fil-proċeduri "Il-Pulizija v. Charlene Gatt" datat 29 ta' Novembru 2018, ma nħarġitx mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo, iżda mill-Maġistrat Marse-Ann Farrugia, hekk kif jirriżulta wkoll mill-firma fuq l-istess Digriet. Minkejja dan però il-Qorti tqis li ladarba ma hemm ebda dubju dwar id-data tal-ħruġ tad-Digriet in kwistjoni u l-Qorti li ħarġitu hija l-Qorti tal-Maġistrati (Malta), li hija Qorti waħda għad illi diversament presjeduta, ma tirriżulta l-ebda nullità fir-rigward.

Sorvolat dan il-punt jiġi osservat illi minn eżami tad-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest datat 29 ta' Novembru 2018, jirriżulta li l-imputata kellha imposti fuqha diversi kondizzjonijiet fosthom li ma tikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li tkun meħlusa mill-arrest u li tirtira ġewwa d-dar fejn toqgħod mhux iżjed tard mis-7:00p.m. u ma terġax toħroġ minn hemm qabel is-7:00a.m. ta' l-għada.

Minn eżami tad-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest datat 25 ta' Frar 2022, jirriżulta li l-imputata kellha imposti fuqha diversi kondizzjonijiet fosthom li ma tikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li tkun meħlusa mill-arrest u li tirtira ġewwa id-dar fejn toqgħod mhux iżjed tard mill-10:00p.m. u ma terġax toħroġ minn hemm qabel id-9:00a.m. ta' l-għada.

Minn eżami tad-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest datat 22 ta' April 2022, jirriżulta li l-imputata kellha imposti fuqha diversi kondizzjonijiet fosthom li ma tikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li tkun meħlusa mill-arrest.

Ladarba fil-każ in eżami, mill-provi prodotti jirriżulta li nhar l-4 ta' Mejju 2022 fis-siegħat bikrin ta' filgħodu, ġewwa Triq Testaferrata, Ta' Xbiex, mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' Tracey Borg f'periklu ċar, l-imputata ikkaġunatilha

offiża volontarja ta' natura gravi, isegwi li l-istess imputata kisret il-kondizzjonijiet appena imsemmija imposti fuqha bid-Digrieti għall-Ħelsien mill-Arrest maħruġa mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) rispettivament datati 29 ta' Novembru 2018, 25 ta' Frar 2022 u 22 ta' April 2022, bl-aħħar wieħed minn dawn id-Digrieti kien għadu kif inħareġ biss ftit jiem qabel ma' seħħ il-każ in eżami.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li l-imputata għandha tinstab ħatja tal-ħames, is-sitt u s-seba' imputazzjoni dedotti fil-konfront tagħha.

Bit-**tmien imputazzjoni** dedotta fil-konfront tagħha, l-imputata qed tiġi mixlija aktar talli fl-istess data, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2021, Onor. Imħallef Dr. Aaron Bugeja LL.D., ikkommettiet reat li għalih hemm piena ta' priġunerija. Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 4 ta' Ottubru 2022[52], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputata sabiex tiġi ġġudikata minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba fl-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Is-sentenza mertu tat-tmien imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputata tinsab esebita bħala Dok. "CSX6" a fol. 61 sa' 88 tal-proċess. Min-numru tal-Karta ta' l-Identità indikat fl-imsemmija sentenza jirriżulta immedjatament evidenti li l-istess ingħatat fil-konfront ta' l-imputata odjerna. B'dik is-sentenza hija ġiet ikkundannata għal sitt xhur ħabs sospiżi għall-perijodu ta' sentejn mid-data ta' dik is-sentenza. Minn sentenza a fol. 189 sa' 197 tal-proċess fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Charlene Gatt" pronunċjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-4 ta' Ottubru 2022, liema sentenza wkoll ingħatat fil-konfront ta' l-imputata odjerna hekk kif jirriżulta mill-konnotati indikati fiha, jirriżulta li l-Qorti già trattat fil-konfront ta' l-imputata ai termini ta' l-Artikolu 28B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu rigwarda s-sentenza sospiża imposta bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali datata 25 ta' Frar 2021, u di fatti t-terminu ta' sitt xhur priġunerija iddaħħal fis-seħħ.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk din il-Qorti ma għandhiex għalfejn tinoltra ruħha ulterjorment fit-tmien imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputata u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.

Bid-**disa' imputazzjoni** dedotta fil-konfront tagħha, l-imputata qed tiġi mixlija aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, ikkommettiet reat waqt il-perijodu ta' Ordni għal Liberazzjoni Kondizzjonata, mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-24 ta' Frar 2022, Maġistrat Dr. Nadine Lia LL.D., u dan bi ksur ta' l-Artikolu 23 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Min-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 4 ta' Ottubru 2022[53], li biha bagħat lill-imputata biex tiġi ġġudikata minn din il-Qorti, jirriżulta evidenti li d-disa' imputazzjoni dedotta kontriha ma hijiex hemm riflessa.

---

[52] Fol. 184 tal-proċess.

[53] *Ibid.*

Il-Qorti hawn tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Michael Carter**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta' Diċembru 2001, già iktar 'l fuq ċitata u għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Grech et**, ukoll deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-31 ta' Mejju 2017, fejn ingħad: *Issa x'inhi ir-ratio legis wara n-nota ta' rinviju għal ġudizzju, li hija ekwiparata ma' l-att ta'l-akkuża? L-Avukat Ġenerali, wara li lilu jkunu ġew mibgħuta mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Istruzzjoni Kriminali l-atti tal-kumpilazzjoni magħmula kontra l-imputat, jista' jibgħat lura lil dik il-qorti dawk l-atti din id-darba biex issa hija tiddeċiedi fuq il-ħtija o meno tiegħu u dan skont ir-reati hemmhekk addebitati lill-istess imputat. Dan ifisser illi minn dan il-mument il-Qorti tal-Maġistrati tiġi adita mill-Avukat Ġenerali bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali u mhux iktar bħala Qorti Istruttorja. Ma huwiex qiegħed iktar isejjaħ lill-Qorti, l-Avukat Ġenerali, sabiex tikkompila l-provi biss, sabiex tiġbor l-evidenza bil-għan illi din tiġi ppreservata ai fini tal-ħruġ ta' l-att ta' l-akkuża. Issa bin-nota ta' rinviju għal ġudizzju il-Qorti qed tiġi imsejjħa tasal għal ġudizzju finali fuq il-każ ippreżentat quddiemha. Mill-mument allura illi l-Qorti tal-Maġistrati tirċevi in-nota ta' rinviju għal ġudizzju u cioè dik illi għandha l-istess rwol ta' l-att ta' l-akkuża, minn dak il-mument il-funzjoni tal-qorti hija waħda differenti – mhux iżjed dik kumpilatorja, iżda issa dik deċiżjorja. Il-funzjoni tar-rinviju għal ġudizzju huwa sempliċement illi jfassal it-termini li fuqhom il-Qorti tal-Maġistrati issa għandha tiddeċiedi l-kawża u dan meta l-Avukat Ġenerali jiddeċidi li ma jqiegħedx lill-imputat taħt att tal-akkuża, u għalhekk jibgħat l-atti tal-kumpilazzjoni lill-Qorti tal-Maġistrati biex tiddeċidi l-kawża hija stess skond it-termini tar-rinviju.*

Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji ġuridiċi huwa evidenti għalhekk li din il-Qorti hija prekluża milli tittratta d-disa' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputata inkwantu mhux riflessa fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali, u għaldaqstant għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħha.

Bl-**għaxar imputazzjoni** dedotta fil-konfront ta' l-imputata, qed tiġi addebitata fil-konfront tagħha r-reċidiva ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-addebitu jinsab rifless fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 4 ta' Ottubru 2022[54].

L-Artikolu 49(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.* L-Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Meta persuna kkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

---

[54] Fol. 184 tal-proċess.

Fil-każ in eżami l-Prosekuzzjoni ppreżentat tlett sentenzi in sostenn ta' l-addebitu tar-reċidiva fil-konfront ta' l-imputata. Is-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Charlene Gatt" deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-24 ta' Frar 2022, li mill-konnotati indikati fl-istess sentenza jirriżulta ċar li d-deċiżjoni ngħatat fil-konfront ta' l-imputata odjerna - Dok. "CSX4" a fol. 55 sa' 58 tal-proċess; is-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Charlene Gatt" deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-31 ta' Jannar 2018, li mill-konnotati indikati fl-istess sentenza jirriżulta ċar li d-deċiżjoni ngħatat fil-konfront ta' l-imputata odjerna - Dok. "CSX5" a fol. 59 u 60 tal-proċess; u s-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Charlene Gatt" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2021, li min-numru tal-Karta ta' l-Identità jirriżulta ċar li dik id-deċiżjoni wkoll ingħatat fil-konfront ta' l-imputata odjerna.

Stephania Calafato Testa, Assistent Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali, ikkonfermat is-sentenzi in kwistjoni u kkonfermat ukoll li ngħataw fil-konfront ta' Charlene Gatt detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 254785(M). Ikkonfermat ulterjorment li mis-sentenzi pronunċjati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-31 ta' Jannar 2018 u fl-24 ta' Frar 2022, ma kienx hemm appell.

Bis-sentenza pronunċjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-31 ta' Jannar 2018, l-imputata tqiegħdet taħt Ordni ta' Probation ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta għall-perijodu ta' tmintax-il xahar, u bis-sentenza pronunċjata dejjem minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-24 ta' Frar 2022, l-imputata ġiet liberata ai termini ta' l-Artikolu 22(1) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sena mid-data tas-sentenza u ġiet ikkundannata tħallas multa fl-ammont ta' €900, liema multa jirriżulta li hija imħallsa[55].

Il-Qorti tqis li dawn iż-żewġ sentenzi ma humiex prova valida għall-finijiet ta' l-addebitu tar-reċidiva fil-konfront ta' l-imputata u dana fid-dawl ta' dak provdut fl-Artikolu 25(1) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia li: *(1) Bla ħsara għal dak hawn iktar 'il quddiem provdut, dikjarazzjoni ta' ħtija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taħt dan l-Att li bih il-ħati jitqiegħed taħt sanzjoni komunitarja jew li tkun tillibera lill-ħati għal kollox jew kondizzjonalment għandha titqies bħala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' ħtija għal ebda fini li jkun, minbarra - (a) il-finijiet tal-proċeduri li fihom issir l-ordni u ta' kull proċedura sussegwenti li tista' tittieħed kontra l-ħati taħt id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att, u (b) fil-każ ta' uffiċjal pubbliku, il-finijiet jew kull proċedura dixxiplinari li tista' tittieħed kontra, jew kull punizzjoni dixxiplinari li tista' tiġi imposta fuq dak l-uffiċjal pubbliku b'konsegwenza ta' xi tali dikjarazzjoni ta' ħtija jew ta' xi wieħed mill-fatti li jikkostitwixxu r-reat…*

Din l-osservazzjoni tal-Qorti ssib konferma fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Christopher Agius**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Settembru 2004. Fl-imsemmija sentenza in effetti ġie osservat is-segwenti: *l-Avukat Ġenerali*

---

[55] Dok. "SCT3" fol. 137 u 138 tal-proċess.

*appella mis-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti peress li jsostni li tat piena li fix-xorta jew fil-kobor tagħha mhijiex dik ikkontemplata mil-liġi għar-reati li fuqhom l-appellat ġie misjub ħati. Huwa jispjega li l-aggravju tiegħu jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti invokat u applikat id-disposizzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali sabiex setgħet tagħti sentenza ta' priġunerija sospiża għal perijodu meta kienet prekluża milli tagħmel dan ġaladarba l-appellat kien qiegħed jinstab ħati ukoll li rrenda ruħu reċidiv. Il-liġi f'dan ir-rigward hija ċarissima w inekwivoka. Is-subartikolu (7) ta' l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi li ordni li permezz tagħha sentenza ta' priġunerija tiġi sospiża "ma għandux isir ... (b) meta l-ikkundannat ikun reċidiv fit-termini ta' l-artikolu 50". Meta l-appellat ammetta l-akkużi dedotti kontra tiegħu, kien qiegħed jammetti wkoll l-akkuża li kien sar reċidiv. Difatti fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti rriferiet anke għall-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali. Jiġifieri prima facie jidher li l-appellant għandu raġun u li l-ewwel Qorti kienet prekluża milli tapplika l-provvedimenti relattivi tal-Kodiċi Kriminali dwar sentenza sospiża fil-konfront ta' l-appellat. Dak li qiegħed jippreokkupa din il-Qorti però huwa l-fatt li l-appellat ġie addebitat b'reċidiva dwar sentenza li permezz tagħha huwa kien tqiegħed taħt probation għal perijodu ta' tliet snin skond l-artikolu 7 tal-Kap. 446. Għalhekk, QATT MA SETA' JIĠI ADDEBITAT MILL-PULIZIJA EŻEKUTTIVA BIR-REĊIDIVA DWAR DIK IS-SENTENZA. U m'hemm l-ebda dubju dwar liema sentenza din l-imputazzjoni kienet qed tirreferi. Persuna titqies li hija reċidiva "jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza li tkun saret definittiva, tagħmel reat ieħor" (artikolu 49 tal-Kap. 9). U s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 25 ta' l-Att dwar il-Probation (Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi: "Bla ħsara għal dak hawn iktar 'il quddiem provdut, dikjarazzjoni ta' htija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taħt dan l-Att li bih il-ħati jitqiegħed taħt sanzjoni komunitarja jew li tkun tillibera lill-ħati għal kollox jew kondizzjonalment għandha titqies bħala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' ħtija għal ebda fini li jkun, minbarra - (a) l-finijiet tal-proċeduri li fihom issir l-ordni u ta' kull proċedura sussegwenti li tista' tittieħed kontra l-ħati taħt id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att, u (b) fil-każ ta' uffiċjal pubbliku, il-finijiet jew kull proċedura dixxiplinari li tista' tittieħed kontra, jew kull punizzjoni dixxiplinari li tista' tiġi imposta fuq dak l-uffiċjal pubbliku b'konsegwenza ta' xi tali dikjarazzjoni ta' ħtija jew ta' xi wieħed mill-fatti li jikkostitwixxu r-reat". Il-każ odjern ma jaqa' taħt l-ebda waħda mis-sitwazzjonijiet fil-paragrafi (a) jew (b). Konsegwentement id-dikjarazzjoni ta' ħtija fil-proċeduri kontra l-appellat u li temmew bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tat-28 ta' Marzu 2003 li permezz tagħha huwa tqiegħed taħt probation għal perijodu ta' tliet snin, ma setgħet QATT titqies bħala dikjarazzjoni ta' ħtija għall-finijiet ta' reċidiva.*

Ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fir-rigward ta' Ordni ta' Probation japplika wkoll meta imputat ikun ġie liberat kondizzjonalment. Il-Qorti tosserva li għalkemm bis-sentenza ta' l-24 ta' Frar 2022, l-imputata odjerna ġiet ikkundannata għal multa ta' €900 u din il-multa tħallset, xorta jibqa' l-fatt li hija ġiet liberata bil-kondizzjoni li ma twettaqx reat ieħor fi żmien sena mid-data ta' dik is-sentenza u għaldaqstant dak osservat u konkluż iktar 'l fuq jibqa' jgħodd.

In kwantu rigwarda s-sentenza pronunċjata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2021, fejn l-imputata ġiet ikkundannata għal sitt xhur priġunerija sospizi għal sentejn, il-Qorti tqis li din tikkostitwixxi prova li l-imputata għandha tinstab li hija reċidiva ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta iżda mhux ukoll ai termini ta' l-Artikolu 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana billi l-Artikolu 28A(5A) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28F, il-piena mogħtija f'sentenza sospiża meta dik is-sentenza ma tkunx daħlet fis-seħħ għandha, għall-finijiet tal-artikolu 50, titqies li tkun ġiet skontata mal-iskadenza tal-perjodu operattiv oriġinali msemmi fis-subartikolu (1) jew tal-perjodu operattiv magħmul minfloku kif provdut fl-artikolu 28B(2)(b).*

Fiż-żmien meta twettqu ir-reati li tagħhom l-imputata tirriżulta ħatja, ossia fl-4 ta' Mejju 2022, il-perijodu operattiv tas-sentenza in kwistjoni kien għadu qed jiddekorri u għalkemm it-terminu ta' sitt xhur priġunerija eventwalment daħal fis-seħħ, dan ġara biss in forza tas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta ta' l-4 ta' Ottubru 2022, ossia ferm wara li twettqu r-reati mertu ta' dawn il-proċeduri.

Fid-dawl ta' dan kollu għalhekk l-imputata għandha titqies bħala reċidiva biss ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura serja tar-reati li tagħhom l-imputata qed tinstab ħatja kif ukoll il-fatt li mill-provi jirriżulta li l-aggressjoni fuq Tracey Borg kienet għal kollox *unprovoked* u l-istess imputata ma uriet assolutament l-ebda rimors għal dak li għamlet. Apparte minnhekk ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputata wriet disrispett totali lejn il-kondizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti diversi drabi, partikolarment għall-finijiet tal-ħelsien mill-arrest, bl-aħħar Digriet addirittura nħareġ ftit ġranet biss qabel ma wettqet ir-reati mertu ta' dawn il-proċeduri. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll li għall-finijiet tal-ħames, is-sitt u s-seba' imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputata japplika l-Artikolu 18 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u li fil-każ in eżami japplika ukoll l-Artikolu 17(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Decide:**

Għal dawn ir-ragunijiet il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba', tmien u disa' imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputata u filwaqt ukoll li ma issibx lill-imputata ħatja tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni dedotti fil-konfront tagħha u b'hekk tillberaha minnhom, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), 18, 31, 49, 214, 215, 216(1)(ċ)(d), u 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputata ħatja ta' l-ewwel, il-ħames, is-sitt, is-seba' u l-għaxar imputazzjoni dedotti fil-konfront tagħha u tikkundahha għall-perijodu ta' tlett (3) snin priġunerija effettiva.

Miż-żmien ta' priġunerija effettiva hawn impost fuq l-imputata, għandu jitnaqqas dak iż-żmien li għamlet taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ.

Ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna:

- Il-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' €1,000 mill-garanzija personali ta' €10,000 li biha l-imputata tagħmel tajjeb għall-ħelsien mill-arrest konċess lilha bid-Digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datat 29 ta' Novembru 2018;
- Il-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' €1,000 mill-garanzija personali ta' €10,000 li biha l-imputata tagħmel tajjeb għall-ħelsien mill-arrest konċess lilha bid-Digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datat 25 ta' Frar 2022; u
- Il-konfiska tal-garanzija personali fl-ammont ta' €1,000, li biha l-imputata tagħmel tajjeb għall-ħeslien mill-arrest konċess lilha bid-Digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datat 22 ta' April 2022.

Il-Qorti tagħmilha ċara li fid-dawl ta' l-ordni ta' konfiska appena impost fuq l-imputata, sabiex hija tkun tista' tkompli tibbenefika mill-ħelsien mill-arrest lilha konċess bid-Digrieti msemmija, wara tali konfiska tal-garanziji personali, fejn fir-rigward tal-garanziji personali marbuta mad-Digrieti datati 29 ta' Novembru 2018 u 25 ta' Frar 2022 il-konfiska hija parzjali u fir-rigward tal-garanzija personali marbuta mad-Digriet datat 22 ta' April 2022 il-konfiska hija totali, hija jkollha terġa' tagħmel garanzija għall-ammont kollu oriġinarjament ordnat. Fin-nuqqas li tagħmel dan l-imputata ma tkunx qed tottempera ruħha ma' dak fuqha impost għall-finijiet tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u b'hekk tkun qed tirrendi lilha nnfisha suġġetta għar-riarrest tagħha sakemm tiġi hekk in ottemperanza mal-benefiċċju lilha konċess.

Ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront ta' l-imputata Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Tracey Borg. Dan l-Ordni ta' Trażżin qed jinħareġ għal perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputata bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqha bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tagħha kif ukoll ir-responsabilità tagħha f'każ li tikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u cioè f'tali eventwalità tista' tiġi ikkundannatha għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**